**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**ONOR IMĦALLEF**
**DR FRANCESCO DEPASQUALE**
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbgħa (4) ta' April 2023**

**Rikors Numru 124/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Allan Mizzi (I.D.344980M) f'ismu proprju u bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu minuri Ethan stante li ngħata l-kura u kustodja tiegħu b'digriet tat-8 ta' Novembru 2018 (ittra Nru. 1066/17) kif ukoll bħala kuratur ad litem ta' ibnu minuri Ethan, kuratur 'ad litem' mahtur Allan Mizzi permezz ta' diġiriet tal-Qorti tal-Familja ta' 8.11.18 u digriet ta' 10.07.2020**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Elizaveta Mizzi Lampetova**

**Il-Qorti:-**

1. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2020, li permezz tiegħu ir-rikorrent talab is-segwenti:

*Illi r-rikorrent għandu l-kura u kustodja ta' ibnu minuri Ethan li għandu 7 snin, filwaqt li l-omm għandha aċċess stabbilit mill-Qorti tal-Familja.*

*L-EWWEL LANJANZA*

*Illi minn meta l-esponenti u l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova sseparaw de facto, kien hemm diffikultajiet kbar biex it-tifel Ethan imur għall-aċċess ma' ommu. Dawn id-diffikultajiet eskalaw wara s-separazzjoni legali u dan wassal biex l-esponent ippreżenta l-medjazzjoni Ittra Numru 1066/2017.*
*Illi fil-mori tal-medjazzjoni, l-esponenti sar jaf li omm il-minuri, l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova, tabita fid-dar ta' ċertu Kevin Sammut, li huwa*

*persuna li jinsab akkużat b'reati serji relatati ma' waħda mill-aktar sejbiet ta' droga f'pajjiżna.*

*Illi r-rikorrent esibixxa fil-proċeduri fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) abbundanza ta' provi ta' kull xorta (fosthom ritratti, sentenzi, estratti minn gazzetti, dokumenti stampati ta' social media u saħansitra ktieb stampat) li jippruvaw mingħajr l-iċken dubju illi dan Kevin Sammut huwa mdaħħal sew fid-dinja tad-droga.*

*Illi f'Settembru tas-sena 2009, kienu tressqu l-Qorti 5 persuni in konnessjoni ma' sejba kbira ta' 450 Kilogrammi ta' cannabis fil-Madliena u fis-Swieqi. wara ġimgħat ta' investigazzjoni transkonfinali u sorveljanza mill-Pulizija ta' diversi Stati. Dawn kienu erba' persuni barranin, Joviac Kolakovic u Tomas Mikalauskas mil-Litwanja, Jason Lee Holland u Sheri Anne Steedman, u wieħed Malti, ċioe` Kevin Sammut. Sussegwentement ġie akkużat ukoll ċertu Scott Dixon in konnessjoni mal-istess każ.*

*Illi għalkemm għall-finijiet tad-Dritt Kriminali Kevin Sammut jitqies innoċenti sakemm jiġi dikjarat ħati mill-Qorti, għall-finijiet tal-Liġi tal-Familja jirriżulta mill-provi illi kien hu li meta nqabad indika lill-Pulizija fejn kienet tinstab moħbija d-droga importata, u dan kif ġie rappurtat fil-ħarġa tal-14 ta' Settembru 2009 ta' Times of Malta – DOK 1.*

> *Later that day Kevin Sammut drove up to the Green Grove.*
> *He was later arrested at his mother's house and immediately started to cooperate.*
> *He told the police that he knew where more drugs were hidden and took them to the field in Madliena. He also showed that a false wall in the garage of the Madliena villa. In all 28 sacks of cannabis grass and a few slabs of cannabis resin were recovered.*
> *Other boxes containing drugs were found on shelves in the garage.*
> *At this time, court proceedings were continued behind closed doors in view of evidence which could affect ongoing investigations. DOK 2-12*

*Jason Lee Holland u Sheri Anne Steedman ġia` ġew dikjarati ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza tal-1 ta' Frar 2010. F'dik is-sentenza ssir riferenza għal persuna "X", li hu proprju Kevin Sammut, u hemm imniżżel li Steedman irriferiet għalih bħala l-bniedem "who was actually supplying the drug." Il-Qorti semgħet tramite esperti illi dina n-nofs tunnellata ta' droga tiswa madwar miljun u nofs euro (€1.5 miljun). Ir-rikorrent qed jesibixxi kopji tar-rapporti kif ukoll kopja tas-sentenza msemmija. Kevin Sammut hu magħruf sew mal-Pulizija u jinsab akkużat b'assoċjazzjoni biex jittraffika d-droga, fost reati oħra. Kevin Sammut jiffrekwenta persuni li bħalu huma midħla tad-dinja tad-droga. DOK 13*

*Scott Dixon, fl-awtobiografija tiegħu "Super" isemmi lil Kevin Sammut , fejn fost affarijiet oħra jikkwota lil Sammut igħidu "I sometimes carry large amounts of cash and don't wonna get turned over. I just need someone to*

*watch my back.” Dixon ikompli “... I did shadow him in some pretty dark places ... I could see how he made his money.” Dwar l-arrest u l-kustodja preventiva ta' Kevin Sammut, Dixon kiteb “Sammut had been in custody for a week. He was guilty. He was caught with the stuff but after a week he was out on bail ... I figures Sammut had friends in high places.” DOK14*

*Illi ħu Kevin Sammut, ċertu Jonathan Sammut, jiftaħar u tella' ritratti fuq Facebook dwar numru ta' submachine guns li jippossjedi. Dawn l-armi sofistikati li jippossjedi huma armi letali u perikolużi, u uħud minnhom jintużaw f'żoni ta' konflitti armati u gwerer. Ir-rikorrent qed jesibixxi kopja tal-kitba u ritratti mtella' minn Jonathan Sammut innifsu fuq Facebook. Mhux biss iżda l-minuri Ethan stess għarraf lir-rikorrenti li kien ra lil Kevin Sammut dieħel fid-dar t'ommu l-intimata b'arma tan-nar f'idejh. DOK 16, 17, 18*

*Mhux biss iżda l-minuri Ethan stess għarraf lir-rikorrenti li kien ra lil Kevin Sammut dieħel fid-dar t'ommu l-intimata b'arma tan-nar f'idejh.*

*Illi l-appartament ta' Kevin Sammut, fejn qed tabita Elizaveta Mizzi Lampetova, u fejn il-minuri jittieħed għall-aċċess, huwa ffrekwentat ukoll minn ħbieb jew konoxxenti ta' dawn iż-żewġ aħwa Sammut, Kevin u Jonathan – ta' l-ewwel, imdaħħal sew fid-dinja tad-droga tant li ġie mixli b'assoċjazzjoni biex jittraffika d-droga; ta' l-aħħar, imdaħħal sew fid-dinja tal-armi letali u jiftaħar b'dan fuq Facebook. DOK 19,20*

*Illi minkejja li r-rikorrent xtara karozza lil Elizaveta Mizzi Lampetova appożitament, hija kienet tmur biex tiġbor lit-tifel għall-aċċess bil-karozza BMW ta' Kevin Sammut, DOK 21 u b'hekk tqiegħed lit-tifel f'periklu ta' atti ta' vjolenza minn gruppi rivali fil-qasam tad-droga. DOK 22A,22B,22C*

*Illi f'Awwissu tal-2018, ir-rikorrent ressaq talba fl-atti tal-medjazzjoni numru 1066/17 fl-ismijiet Allan Mizzi vs. Elizaveta Mizzi Lampetova, li bih talab li l-minuri jirrisjedi miegħu u li waqt l-aċċess ibnu ma jiġi f'ebda ħin espost għal Kevin Sammut, il-partner tal-omm.*

*Illi fil-Qorti tal-Familja ir-rikorrent kien ressaq diversi talbiet, fosthom dik għall-kura u kustodja tal-minuri Ethan.*

*Illi fit-18 ta' Settembru 2018 ir-rikorrent tramite l-avukat tiegħu kiteb lis-S.T.O. Prim Imħallef:*

> *“... ma' din l-ittra jiena qed nannetti tliet (3) rikorsi urġenti ppreżentati minnu quddiem l-Onorevoli Mħallef Abigail Lofaro.*
>
> *M'inix ser nikkummenta fuqhom għaliex ir-rikorsi fihom it-tagħrif kollu neċessarju.*
>
> *Għoddni dejjem lejali lejn il-Ġustizzja.”*

*Illi fit-8 ta' Novembru 2018 il-Qorti tal-Familja presjeduta mill-Onorevoli Mħallef Abigail Lofaro, wara li ġie ppreżentat rapport mill-Avukat tat-Tfal Dr. Mary Muscat, liema rapport ġie ssiġillat u m'huwiex għad-disposizzjoni tal-partijiet, tat dan id-digriet fir-rigward tat-talbiet ta' Allan Mizzi:*

> *Il-Qorti:*
>
> *Reġgħet rat dawn l-atti;*
>
> *Tilqa' t-talbiet, ħlief illi l-aċċess tal-omm ma jsirx taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ.*
>
> *L-omm ikollha aċċess għall-minuri nhar it-Tnejn, Erbgħa u Gimgħa mill-4.00 p.m. sas-7.30 p.m. u nhar ta' Ħadd mill-10.00 a.m. sas-7.30 p.m. b'dan illi fl-ebda ħin ma jista' jkun preżenti għall-aċċess l-imsemmi Kevin Sammut.*

*Għalhekk it-talba għall-kura u kustodja tat-tifel Ethan ġiet milqugħa flimkien mat-talbiet l-oħra – filwaqt li l-Qorti pprovdiet ukoll dwar l-aċċess tal-omm.*

*Illi wara li ngħata d-digriet tat-8 ta' Novembru 2018, l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova bdiet tieħu lill-minuri Ethan għand il-familjari ta' Kevin Sammut, fid-dar fejn igħixu l-ġenituri tiegħu u ħuh Jonathan Sammut u fejn jidher li jinżammu armi tal-istess Jonathan Sammut. L-omm saħansitra raqqdet lill-minuri fir-residenza ta' Kevin Sammut fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Diċembru 2018. Dok 23*

*Konsegwenza ta' dan, il-Qorti ordnat li jittieħdu proċeduri għal disprezz lejn l-awtorita` tagħha fil-konfront tal-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova. Minn meta seħħ dan, jiġifieri li l-omm raqqdet lil Ethan għand Kevin Sammut, Ethan beda mhux biss joġġezzjona li jmur għall-aċċess (kif kien ilu snin jagħmel) iżda saħansitra beda jirrifjuta li jmur għal dan l-aċċess. Għal xhur sħaħ, waqt il-ħin tal-aċċess, l-omm kienet tibqa' fit-triq, kultant tkellmu bil-lingwa Russa, u b'hekk Ethan ma kienx jifhem x'qed tgħidlu, u hija ma kienet tagħmel l-ebda tentattiv biex huwa jmur magħha. Ħafna mill-aċċess kien jikkonsisti f'ħin twil ta' waqfien fit-triq fil-ksieħ jew fix-xemx, skont l-istaġun. Darba minnhom l-omm damet sagħtejn fit-triq indeċiża x'se tagħmel fil-ħin tal-aċċess. Dwar dan kollu r-rikorrent ħia` ppreżenta l-provi tiegħu. Ir-ritratti hawn annessi jkomplu juru dan. DOK 24A, 24B, 24C*

*Illi wara li ngħalqu l-proċeduri ta' medjazzjoni u l-omm ipproċediet b'kawża quddiem il-Qorti tal-Familja, il-każ ġie assenjat lill-Onorevoli Mħallef Jacqueline Padovani Grima. Ir-rikorrent b'rikors talab, fost affarijiet oħra, li l-aċċess jibda jkun sorveljat fl-interess tal-minuri Ethan peress li Ethan baqa' jirrifjuta li jmur ma' ommu. Iżda b'digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru 2019 il-Qorti tal-Familja qalet li ma kinitx konvinta li jeżistu raġunijiet suffiċjenti biex l-aċċess ikun sorveljat. Minflok għaddiet biex tordna dan li ġej:*

> ***1. Whilst exercising access to the minor child, the Plaintiff shall, on Mondays, Wednesdays and Friday pick the child up***

***from school and after three and a half hours (3½ hours), the defendant is to collect the minor child at the end of access;***
***2. During the access held on Sunday (that is between 10.00 am and 7.30 pm), Defendant is to take the child to Plaintiff's residence and pick him up from Plaintiff's residence, or any other place as agreed to by the parties, at the end of access;***
***3. On the days when no physical access is held, that is on Tuesday, Thursday and Saturday, Plaintiff shall have thirty (30) minutes of communication with the minor via video call, without Defendant's presence;***
***4. Access must never be exercised in the presence of Kevin Sammut;***
***5. The Court also appoints Caryl Aquilina as a Child Psychologist to investigate and report to the Court on the issue. The expenses shall be preliminarily borne by Defendant.***

*Illi dan id-digriet qed jesponi iktar, minflok jissalvagwardja iktar, lit-tifel Ethan billi jagħti d-dritt lill-omm li tmur tiġbor it-tifel mill-iskola u tisfurzah imur magħha fir-residenza ta' Kevin Sammut, minkejja l-oġġezzjonijiet tat-tifel. L-omm ingħatat mano libera li tkompli tesponi lit-tifel fl-ambjenti perikolużi li għażlet li abitwalment tkun fihom l-omm u njorat il-protezzjoni li kienet obbligata tipprovdi lill-minuri. Fuq kollox, l-esponent jistaqsi liema ġenitur jibgħat lil uliedu f'dar ta' persuna akkużata b'sejba ta' nofs tunnellata droga? Ċertament l-ebda Qorti ma tibgħat lil uliedha f'tali ambjent u għalhekk l-esponent jistaqsi, għalfejn ġudikant wara l-ieħor fil-Qorti tal-Familja qed jisfurzaw lil ibnu minuri jmur bilfors f'tali ambjent perikoluż! DOC25*

*A skans ta' kull ekwivoku, qed jiġi sottomess illi dan ir-rikors hu maħsub li jkopri kemm il-proċeduri konnessi mal-medjazzjoni, kif ukoll il-proċeduri wara li nbdew il-proċeduri ġudizzjarji fil-kontenzjuż.*

*Illi dan id-digriet juri illi għall-Qorti tal-Familja kien iktar importanti li dak li jista' jiġri ma jseħħx quddiem għajnejn il-missier u għalhekk ma jkunx jaf bih, milli li ma jseħħ xejn li jista' jkun ta' dannu għal ibnu. Minflok ma l-Qorti ħarset lill-minuri mill-periklu u rat eżattament x'qed iwassal lill-minuri biex jirrifjuta b'mod enfatiku li jmur ma' ommu, rat kif għamlet biex ġiegħlet lill-minuri bilfors imur ma' ommu fir-residenza ta' Kevin Sammut, u dan ma jagħmel l-ebda sens meta jsir minn Qorti.*

*Illi r-rikorrent ma jistax jifhem kif il-Qorti tal-Familja injorat il-muntanja ta' provi li kellha quddiemha dwar dak li qed ikollu jgħaddi minnu l-minuri Ethan, inkluż periklu għal ħajtu, u l-ħsara psikoloġika rreparabbli li qiegħda ssir lill-minuri. Minn tifel kuntent li jattendi l-iskola, il-minuri Ethan spiċċa jagħmel tantrums sħaħ biex ma jattendix. DOK26, DOK27, DOK28.*

*Ir-rikorrent lanqas ma jista' jifhem kif il-Qorti donna qed tiskarta l-kwistjoni dwar is-sigurta` ta' ibnu, li hija l-qofol tat-talbiet u l-oġġezzjonijiet tar-rikorrent, u minflok qed tirreferi l-każ lil Psikologa tat-Tfal biex tara x'effett qed ikollu l-aġir taż-żewġ ġenituri fuq il-minuri. Huwa l-obbligu tal-Qorti*

*tal-Familja li tieħu ħsieb is-sigurta` tat-tfal u m'hemmx ħtieġa ta' rapport psikoloġiku biex tiġi provduta tali sigurta` ab initio.*

*Illi huwa ben magħruf li teżisti turf war anke f'Malta, li fiha diversi kriminali spiċċaw jinqatlu minħabba l-industrija tad-droga. Jirriżulta wkoll illi Kevin Sammut huwa magħruf fix-xena tat-tixrid u traffikar tad-droga f'Malta u allura kull darba li omm tieħu lit-tifel fir-residenza ta' Kevin Sammut jew li trikkeb lil Ethan fil-karozza BMW ta' Kevin Sammut, jew li bi kwalunkwe mod tassoċja jew tqarreb lit-tifel mall-istess Kevin Sammut, hija tkun qed tpoġġilu ħajtu fil-periklu. Jekk l-omm tesponi lil binha b'dan il-mod u l-Qorti tal-Familja ma timpedix li dan iseħħ, il-Qorti tal-Familja tkun qed tirrendi ruħha responsabbli mhux inqas mill-omm, għax l-ebda omm responsabbli ma tesponi lil uliedha għal riskji serji bħal dawn. Dan mingħajr ma jittieħed in konsiderazzjoni l-konsegwenzi li t-tifel Ethan qed ikollu ibati minħabba d-deċiżjoni ta' ommu, peress li l-ebda ġenitur, inkluż dawk tat-tfal fil-klassi ta' Ethan, ma jridu li uliedhom jagħmluha ma' tfal bħal Ethan bil-konnessjoni ben magħrufa tal-partner t'ommu mal-kriminalita`.*

*Illi l-fatti hawn imsemmija kif ukoll dawk li għad iridu jemerġu mill-provi li sejrin jinġiebu jammontaw għal leżjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, liema dritt sostantiv jiggarantixxi d-dritt għal ħajja privata u d-dritt għall-ħajja tal-familja, liema leżjonijiet sofrewhom u għadhom qegħdin iġarrbuhom kemm ir-rikorrent Allan Mizzi kif ukoll ibnu minuri Ethan.*

*Illi barra minn hekk, il-minuri Ethan sofra u għadu qed isofri vjolazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja li jipprovdi:*

> *1. It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura meħtieġa għall-ġid tagħhom. Huma jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament. Dawn l-opinjonijiet għandhom jitqiesu f'materji li jirrigwardawhom skond l-età u l-maturità tagħhom.*
> *2. Fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja.*
> *3. It-tfal kollha għandhom id-dritt li jkollhom, regolarment, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri, sakemm dan ma jkunx kontra l-interessi tat-tfal.*

*Illi fid-29 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrent talab permess speċjali biex ikun jista' jappella mid-digriet tat-28 ta' Ottubru 2019 qabel is-sentenza finali, kif ukoll biex il-Qorti tissospendi minnufih l-effetti tal-imsemmi digriet tat-28 ta' Ottubru 2019 fl-interess suprem tal-minuri sakemm dina l-kwistjoni tiġi deċiża finalment. Wara li semgħet dak li l-avukati kellhom x'jissottomettu dwar it-talbiet, il-Qorti tal-Familja ddifferiet il-każ għal deċiżjoni fl-10 ta' Diċembru 2019 minkejja li l-effetti tad-digriet tat-28 ta' Ottubru 2019 li kien fis-seħħ kienu jservu biss ta' dannu għat-tifel kif ampjament illustrat mir-*

*ritratti u mill-audio recordings. Għalxejn l-avukati tar-rikorrent talbu lill-Qorti biex tiddifferixxi għal data aktar viċina.*

*Illi minkejja dan kollu, b'digriet tal-10 ta' Diċembru 2019 il-Qorti enfasizzat illi hija għandha diskrezzjoni esklussiva biex tagħżel jekk għandux jingħata permess biex isir appell interlokutorju u kkonkludiet illi –*

> *"Having seen the evidence produced, the Court does not consider that it is in the best interest of the child to authorise an appeal from the decree by means of which aċċess was varied."*

*Illi minkejja li l-provi juru lil Ethan, fi kliem il-Qorti stess, "crying hysterically" – mhux f'okkazzjoni ta' darba, jew tnejn, jew tlieta iżda ħafna drabi u għal ħin twil – il-Qorti tal-Familja ħasset li l-varjazzjonijiet konċessi minnha għall-aċċess ma kellhomx jiġu taħt skrutinju mill-Qorti tal-Appell qabel min jaf kemm żmien! Barra minn hekk, il-Qorti tal-Familja ppruvat iddawwar it-tort fuq ir-rikorrent:*

> *"The Court has heard the recordings of the child filed by Defendant, from which it seems to appear that not only was Defendant too busy recording the child crying hysterically to effectively try to comfort him during a substantial part of these recordings which lasted a total of approximately twenty minutes …"*

*Illi d-digriet huwa xokkanti in kwantu l-Qorti tal-Familja ma tat l-ebda konsiderazzjoni għall-fatt li Elizaveta Mizzi Lampetova liberament qiegħda tagħżel li tissieħed ma' persuna vjolenti, perikoluża u b'record kriminali, u li dan is-sieħeb tagħha, Kevin Sammut, qed jagħżel li jiffraternizza ma' persuni li bħalu huma magħrufa mal-Pulizija.*

*Illi analizzata dina s-silta, jidher li l-Qorti sfuġġietilha r-regola probatorja illi min jallega għandu l-obbligu li jipprova dak li jkun qed jiġi allegat. Kieku r-rikorrent ma ġabx provi ampji, il-Qorti tal-Familja kienet tgħid li ma ressaqx provi suffiċjenti jew li ma rnexxielux jipprova. Iżda r-rikorrent ġab bosta provi, anzi, provi abbondanti, ta' dak li allegaw, u b'hekk ma kienx hemm dubju li tassew kien qed iseħħ hekk. B'danakollu, il-premju ngħata mill-Qorti tal-Familja lill-omm, u dan abbażi ta' rimarka soġġettiva għall-aħħar.*

*Illi l-Qorti kellha l-provi quddiemha, u dawn ma seta' jmerihom ħadd. Iżda tat it-tort lill-esponent li, skont hi, ma ppruvax jikkonforta lil ibnu. Wieħed allura jpoġġi dawn il-mistoqsijiet: (1) X'wassal lill-Qorti tal-Familja biex twarrab muntanja ta' provi li kellha quddiemha u tibbaża r-rifjut tagħha fuq rimarka inkonsegwenzjali? (2) Għaliex qed iġġib ruħha hekk il-Qorti u saħanistra tqiegħed lill-minuri fil-periklu?*

*Illi minkejja dak li qalet il-Qorti tal-Familja, ir-rikorrent għandu provi konsistenti f'filmati illi juru li huwa dejjem irrispetta b'mod rigoruż it-termini tal-aċċess, u fil-granet meta l-omm marret għand il-Pulizija tirrapporta li l-*

*missier ma ħax lil Ethan għall-aċċess, biex jiġi akkużat kriminalment, (kif fil-fatt ġara), ir-rikorrent kien preżenti bit-tifel flimkien jistennew lilha għall-aċċess.*

*Illi rimarka oħra magħmula, mhux biss hija soġġettiva iżda wkoll mhix il-verita` (kif jirriżulta ampjament mir-recordings in kwistjoni) hi:*

> *"... but also, that when Defendant did in fact try to comfort the child, he agreed with him that Plaintiff is "the worst mother", suggested to the child that "it's time you tell this to your mother" [with reference to the child's expressing a wish to not see his mother again] and telling the child that he (Allan Mizzi) tried to persuade the Court to stop aċċess but that the Court does not understand the needs of children. These recordings confirmed the Court's opinion that what is in the best interests of the child right now is for a child psychologist to investigate the matter and report to this Court what effect the behaviour of both parents is having on the child as soon as possible. An appeal procedure would stultify this investigation and is therefore clearly not in the best interests of the child."*

*Illi, bir-rispett kollu, huwa ferm ovvju li dan mhuwiex minnu. Kieku l-Qorti tat permess speċjali sabiex isir appell, fil-mori tal-appell l-investigazzjoni minn Psikologa tat-Tfal xorta waħda kienet tkun tista' ssir. Kemm is-smigħ ta' appell kif ukoll l-investigazzjoni minn Psikologa tat-Tfal jirrikjedu ċertu ammont ta' żmien għax ma jsirux millum għall-għada. Għalhekk, il-Qorti tal-Familja ma setgħetx tgħid illi issa mhux il-ħin biex jitħalla jsir appell għax huwa l-ħin biex tinħatar Child Psychologist biex tinvestiga. It-tnejn huma fattibbli simultanejament. Sadanittant, it-tifel ikompli jogħxa u jitkisser bil-biki, u dan biex l-appell ma jitħallhiex isir issa iżda min jaf meta!*

*Illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Familja tal-10 ta' Diċembru 2019 hija waħda ta' rifjut li jitħalla jsir skrutinju mill-Qorti tal-Appell, avolja l-liġi tikkontempla l-opportunita` li jsir appell.*

*Illi r-rikorrent għandu tħassib serju dwar l-andament tal-proċeduri fil-Qorti tal-Familja. Ir-rikorrent jeskludi li l-Qorti mhix qiegħda teżamina biżżejjed il-provi li nġabu quddiemha mir-rikorrent, u allura jkollu jasal għall-konklużjoni li jeżisti mottiv għal tħassib ta' xort'oħra.*

*Illi l-Qorti tal-Familja pprovdiet għas-sigurta` ta' minuri f'każijiet oħra ferm anqas serji u gravi minn dak odjern. Il-fatt li t-tifel qed jintefa' f'ħalq il-lupu billi jiġi ordnat u sfurzat li jmur għall-aċċess ma' ommu fir-residenza ta' Kevin Sammut, qed ipoġġi lit-tifel f'periklu dirett. Li Kevin Sammut jibqa', allegatament, fuq il-bejt waqt li jkun qed jiġi eżerċitat l-aċċess, m'huwiex suffiċjenti, għax it-tifel xorta jkun espost għal kulma jista' jseħħ minħabba l-presenza fuq il-bejt ta' Kevin Sammut, kif ukoll għal kulma jista' jseħħ meta Ethan ikun riekeb fil-karozza ta' Kevin. Barra minn hekk, Ethan jinsab ukoll f'riskju kbir minħabba l-persuni li qed jiffraternizza magħhom Kevin Sammut. L-esponent qed jesibixxi ritratt ta' persuna b'senter f'idu dieħla fl-*

*appartamenti fejn jabitaw Kevin Sammut u Elizaveta Mizzi Lampetova. DOK 29.*

*Barra minn dan l-individwu tas-senter, jidħlu persuni oħra b'armi tan-nar fuqhom. Hu Kevin Sammut, Jonathan Sammut, jaħdem mill-garaxx ta' taħt ir-residenza ta' Kevin Sammut, b'mod li meta t-tifel imur għall-aċċess għand ommu, Jonathan Sammut ikun fil-garaxx miftuħ ta' taħt id-dar. DOC 30A, 30B*

*Kien hemm okkazzjonijiet fejn it-tifel għarraf lill-esponenti li ħares barra mit-tieqa tad-dar t'ommu u ra lil Kevin Sammut dieħel fil-garaxx ta' taħt id-dar waqt li t-tifel ikun hemm. Min ipoġġi tifel ta' seba' (7) snin f'ambjent ta' periklu?*

*Illi bla tlaqliq ir-rikorrent Allan Mizzi jiddikjara li qed iżomm lill-Imħallef tal-Qorti tal-Familja personalment responsabbli jekk Alla ħares qatt tiġri ħsara lil ibnu għax hi qed tagħżel li tibqa' tesponih għall-kriminalita` u qed tonqos li tipproteġih.*

*IT-TIENI LANJANZA*

*Illi b'rikors tal-31 ta' Ottubru 2019 ir-rikorrent talab ir-rikuża tal-Imħallef sedenti filwaqt li reġa' wera t-tħassib fuq l-andament tal-kawża Rikors Ġuramentat 15/19 JPG u l-proċeduri annessi magħha. Iżda, peress li tali talba kienet ser twaqqaf it-talba urġenti għas-sospensjoni tal-aċċess, ir-rikorrent kien kostrett, fost korla kontrollata iżda kjarament manifestata mill-Imħallef sedenti, li jirtira r-rikors li bih ġiet sollevata l-eċċezzjoni tar-rikuża, u dan kif jirriżulta mill-verbal tal-15 ta' Novembru 2019. Il-kwistjonijiet l-oħra kienu koperti b'żewġ rikorsi oħra. Dawn ġew deċiżi bid-digriet tal-10 ta' Diċembru 2019 li saret ampja riferenza għalih supra u li juri li l-Imħallef sedenti hija 'biased' favur Elizaveta Mizzi Lampetova u l-avukat tagħha.*

*Illi b'danakollu, il-mottiv għat-tħassib fuq l-Imħallef sedenti baqa' jissussisti. Għalhekk, fit-23 ta' Diċembru 2019, l-esponent qajjem formalment l-eċċezzjoni ta' rikuża. Dan ġie appuntat għas-27 ta' Jannar 2020, u wara li dakinhar tressqu xi provi limitament għal din l-eċċezzjoni, saret it-trattazzjoni orali fis-seduta tal-11 ta' Frar 2020. It-trattazzjoni orali ġiet traskritta u r-rikorrent qed jagħmel riferenza ampja għaliha u, fost provi u sottomissjonijiet oħra li ser iressaq, qed jistrieħ fuqha wkoll għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali.*

*Illi fis-17 ta' Ġunju 2020 il-Qorti tal-Familja tat il-provvediment (Każ Numru 15/2019/7) li bih ċaħdet it-talba għal rikuża billi rriteniet, inter alia:*

> *In the case under review, the Court notes that no request for the recusal of the presiding Judge was made ad limine lites.*
>
> *A request for the recusal of this Court, had, however already been raised by both counsels to AM by means of an application dated 31st October 2019 (vide Application number 15/2019/6 at page 2). The*

> *Court, notes furthermore that this request for the recusal of the presiding Judge was withdrawn by the same counsel in the hearing of the 15th November 2019 (vide page 41 of the Application in the same names, 15/2019/6). Indeed, the Court during that same hearing, pronounced as ceded the application requesting the recusal of the court. It is pertinent also to note that the second counsel to AM had already appeared before this Court in the proceedings App. No.15/2019 on the 28th of October 2019. (Vide note in the record of proceedings 15/2019 at page 97). It is therefore incorrect to state that counsel to AM was 'unaware' of such ground in terms of Article 739, Chapter 12 of the Laws of Malta.*
>
> *Following the unconditional withdrawal of the request for the recusal for this Court dated 15th of November 2019, no further requests on the same matters may legitimately be raised.*
>
> *Moreover, this Court's decree dated the 28th of October 2019 (Vide Application number 15/2019/2 in the same names of the parties) which seems to be the source of the recusal proceedings, was a decree regulating the mother's aċċess to the minor child of the parties. This decree upheld in toto a previous decree pronounced by a different judge of the Family Court, except for the pick-up arrangements of the child in question.*
>
> *It is perplexing, to say the least, how a change in the pick-up arrangements of an aċċess decree may be deemed to constitute or show bias according to either the objective or the subjective test expounded in the European Court of Human Rights' jurisprudence.*
>
> *Furthermore, the audio recordings exhibited by AM are self-explanatory. Nor do the photos AMX1 to AMX12 exhibited by AM indicate evidence of bias.*
>
> *For these reasons, the Court denies the request for the recusal of the presiding Judge as proffered by AM in his application dated 23rd December 2019.*

*Illi assolutament mhuwiex ta' pjaċir għar-rikorrent, wisq inqas għaż-żewġ difensuri tiegħu, li jkollhom iressqu lanjanzi bħal dawn. Iżda, kif ġie sewwa rrimarkat il-Qorti Suprema tar-Renju Unit fis-sentenza tagħha Serafin v. Malkiewicz & Others [2020] UKSC 23, mogħtija fid-19 ta' Mejju 2020:*

> *I readily accept that it is the duty of counsel to be fearless in raising tenable arguments on behalf of his client ... Nothing that I have said detracts in any way from that salutary principle.*

*Illi jirriżulta illi l-Onorevoli Imħallef, li ġie rimess quddiemha l-proċess tal-kawża odjerna, preċedentement kienet qed tisma' il-kawża dwar impunjazzjoni ta' testment fl-ismijiet "Donna Salerno et vs. Guido Bonello Għio" (Rikors Ġuramentat 101/2013 JPG) u f'salt wieħed il-partijiet u*

*difensuri skoprew illi l-każ ġie mibgħut quddiem Imħallef ieħor. Dan seħħ mingħajr l-ebda digriet ta' astensjoni u mingħajr l-ebda talba għal rikuża. Dan ġara fil-perjodu interim bejn is-seduta tat-2 ta' Mejju 2018 u s-seduta tas-27 ta' Ġunju 2018. Wara li saret talba minn wieħed mill-partijiet sabiex il-kawża, li kienet ilha tinstema' quddiemha u li kienet tinvolvi kwistjoni ta' kredibilita` ta' diversi xhieda, ma tiġix mibgħuta quddiem ġudikant differenti ladarba ma kienx hemm raġuni valida fil-liġi, sar magħruf mingħand l-Onorevoli Imħallef stess illi l-kawża kienet bagħatitha hi quddiem ġudikant ieħor minħabba illi Dr Stephen Thake kien l-Avukat tagħha fi kwistjoni personali li m'għandhiex għalfejn tissemma hawnhekk. Kulħadd aċċetta d-deċiżjoni tal-Imħallef għar-raġuni mfissra minnha stess lill-avukat ta' wieħed mill-partijiet.*

*Iżda fil-każ odjern, huwa l-istess Dr Stephen Thake, avukat difensur tal-Imħallef Sedenti, li qed jassisti lil Elizaveta Mizzi Lampetova flimkien ma' Dr Maria Cardona – u konsegwentement jekk kienet teżisti raġuni valida fil-liġi f'moħħ l-Onorevoli Imħallef fil-kawża "Donna Salerno et vs. Guido Bonello Għio" sabiex hija tieqaf tisma' dik il-kawża, teżisti allura raġuni tajba fil-liġi biex l-Imħallef Sedenti ma tkomplix tisma' l-kawża odjerna. Tertium non datur.*

*Illi fl-umili fehma tar-rikorrent mhux permissibbli illi l-Imħallef sedenti meta trid tagħżel li tirtira mis-smigħ tal-kawża peress li Dr Stephen Thake huwa l-avukat tagħha u meta trid tagħżel li ma tirtirax mis-smigħ tal-kawża avolja Dr Stephen Thake huwa l-avukat tagħha. Dan għaliex il-ġustizzja mhux biss trid issir iżda għandha dejjem tidher li qiegħda ssir.*

*Illi skont l-American Bar Association: "A lawyer who is asked to represent a client before a judge and is simultaneously representing that judge in an unrelated matter, may, under Model Rule 1.7(b), undertake the representation only if he reasonably believes that he will be able to provide competent and diligent representation to both the litigant and the judge and they give their informed consent, confirmed in writing Pursuant to Model Code of Judicial Conduct Rule 2.11 (a), the judge in such a situation must disqualify herself from the proceeding over which she is presiding if she maintains a bias or prejudice either in favour of or against her laywer. This disqualification obligation also applies when it is another lawyer in her lawyer's firm who is representing a litigant before her. However, absent such a bias or prejudice for or against her lawyer, under Judicial Code Rule 2.11 (C), the judge may continue to participate in the proceeding if the judge discloses on the record that she is being represented in the other matter by one of the lawyers, and if the parties and their lawyers consider "out of the presence of the judge and court personnel" whether to weigħ the disqualification, and unanimously agree that the judge may continue presiding". A lawyer's silence in the face of a judge's failure to comply with this proċess himself violates the prohibition on assisting a judge in an ethics violation. A lawyer's reminder to the judge of his duty does not violate the ex parte contact prohibition. If the judge still does not make the required disclosure after such a reminder, the lawyer representing the judge in an unrelated matter may not disclose the representation (which is protected by*

*the ethics duty of confidentiality, although not by the attorney-client privilege) ... Similarly, "the judge's misconduct cannot be cured by reliance on the fact that all parties to the matter already might be aware of the lawyer's representation of the judge in another matter." If the lawyer discovers that one of his firm's clients is appearing before a judge that the lawyer is representing, "the Committee believes that, at least presumptively, the representation begun later in time is the one from which withdrawal would be required." ... Neither the lawyer nor judicial ethics rules "prescribe specific time periods" that a lawyer "ought not to appear before the judge on behalf of a client" if the lawyer had previously represented the judge. That issue depends on "whether a reasonable person would believe, in light of the time that had elapsed, that the judge's fairness and impartiality could still be questioned." In making that determination, the lawyer should assess the nature of his representation of the judge (whether it was consequential as a judicial disciplinary proceeding as inconsequential as a real estate transaction), the size of the fee, whether the representation was isolated or one of a series of matters "and whether the representation was in a matter that was highly confidential or highly publicized.""*

*Illi fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Familja la l-Imħallef u lanqas Dr. Stephen Thake ma ġibdu l-attenzjoni u wisq anqas ivverbalizzaw li Dr. Thake huwa jew kien il-konsulent legali tal-ġudikant.*

*Illi dan kollu jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi smigħ xieraq u tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxi rimedju effettiv.*

*Barra minn hekk, seħħ u għadu qed iseħħ ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja li jipprovdi:*

> *Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*
>
> *Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibbiltà li tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata.*

*Illi barra minn hekk, jirriżulta bħall-iswed fuq l-abjad illi l-Onorevoli Mħallef sedenti fil-Qorti tal-Familja mhix tipproteġi lill-minuri Ethan Mizzi għax qed issirlu ħsara u għax qed tibqa' tesponi lill-minuri għar-riskji li jispiċċa vittma ta' kriminalita` u inxteħet mingħajr ebda dubju f'ċirku ta' persuni li huma magħrufa mal-Pulizija u li m'għandhomx l-interessi tat-tifel tar-rikorrent bħala l-ewwel post.*

*Illi r-rikorrent ma jistax ikollu fiduċja f'ġudikant li r-rikorrent qed ikollu jżommha personalment responsabbli għall-inkolumita` ta' ibnu minuri. Minbarra li l-ġudikant qed tkompli tesponi lit-tifel għal ħafna periklu, hija*

*għandha konflitt ta' interess minħabba li Dr Stephen Thake, id-difensur ta' Elizaveta Mizzi Lampetova, huwa l-avukat tagħha wkoll.*

*Skont il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem –*

> *58. In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see Otegi Mondragon v. Spain, no. 4184/15 and 4 others, § 54, 6 November 2018)."*
>
> *61. The litigants' standpoint is important but not decisive; what is decisive is whether any misgivings in that respect can be held to be objectively justified. In that respect even appearances may be of a certain importance, or, in other words, "justice mus not only be done, it must also be seen to be done". What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Harabin v. Slovakia, no. 58688/11, § 131, 20 November 2012).*
>
> *62. Account must also be taken of questions of internal organisation. The existence of national procedures for ensuring impartiality, namely rules regulating the withdrawal of judges, is a relevant factor. Such rules manifest the national legislature's concern to remove all reasonable doubts as to the impartiality of the judge or court concerned and constitute an attempt to ensure impartiality by eliminating the causes of such concerns. In addition to ensuring the absence of actual bias, they are directed at removing any appearance of partiality, and so serve to promote the confidence which the courts must inspire in the public (ibid, § 132).*

*Illi dawn il-prinċipji baqgħu jiġu segwiti fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, u reċentement il-Qorti Ewropeja żiedet tirrimarka li l-Istat kellu l-obbligu li jiżgura li l-liġi u l-prattika ġudizzjarja jipprovdu salvagwardji proċedurali suffiċjenti biex jiggarantixxu tali imparzjalita`:*

> *"An appearance of partiality was thus created. The Court therefore finds that the applicant's doubts regarding the impartiality of Judge G.C. on those grounds were objectively justified and that the domestic law and practice did not provide sufficient procedural safeguards in this respect."*

*F'dan il-każ reċentissimu l-Qorti Ewropeja saħqet ħafna fuq il-ħtieġa li l-garanzija ta' imparzjalita` ma tkunx xi ħaġa apparenti biss iżda tkun garanzija konkreta, fejn ma jkunx hemm lok għal "misgivings as to the judge's impartiality". Barra minn hekk, jekk kien hemm xi ħaġa li l-partijiet kellhom jiġu nfurmati dwarha mill-bidu, il-ġudikant għandu jiddivulġa dik iċ-ċirkostanza 'in open court' lill-partijiet "at the outset of the proceedings".*

> *61. The Court refers to the principles set out in its judgment in the case of Nicholas concerning situations in which a judge has a blood tie with an employee of a law firm representing a party in any given proceedings (§§ 62-64). In particular, it reiterates that when a judge has a blood tie with an employee of a law firm representing a party in any given proceedings, this does not in and of itself disqualify the judge. An automatic disqualification on the basis of consanguinity is not necessarily required (ibid., § 62). It is, however, a situation or affiliation that could give rise to misgivings as to the judge's impartiality. Whether such misgivings are objectively justified would very much depend on the circumstances of the specific case, and a number of factors should be taken into account in this regard. These should include, inter alia, whether the judge's relative has been involved in the case in question, the position of the judge's relative in the firm, the size of the firm, its internal organisational structure, the financial importance of the case for the law firm, and any possible financial interest or potential benefit (and the extent thereof) on the part of the relative (ibid.).*
>
> *63. Given the importance of appearances, however, when such a situation (which can give rise to a suggestion or appearance of bias) arises, that situation should be disclosed at the outset of the proceedings and an assessment should be made, taking into account the various factors involved in order to determine whether disqualification is actually necessitated in the case. This is an important procedural safeguard which is necessary in order to provide adequate guarantees in respect of both objective and subjective impartiality (ibid., § 64).*

*L-Imħallef in kwestjoni ma għamlet xejn minn dan u kellhom ikunu l-avukati difensuri, kif jirriżulta mit-trattazzjoni magħmula fil-11 ta' Frar 2020 li jallertaw lill-Imħallef dwar is-sitwazzjoni tagħha "which can give rise to a suggestion or appearance of bias". Iżda, anke wara li l-Imħallef ġiet allertata dwar is-sitwazzjoni li tista' toħloq konflitt ta' interess, minflok ma irtirat mill-kawża billi ppreżentat nota ta' astensjoni, tat provvediment li bih ċaħdet it-talba għar-rikuża.*

*Fil-Commentary on the Bangalore Principles of Judicial Conduct, Value 2: Impartiality, jintqal hekk:*

*Impartiality is essential to the proper discharge of the judicial office. It applies not only to the decision itself but also to the proċess by which the decision is made.*

*52. Impartiality is the fundamental quality required of a judge and the core attribute of the judiciary. Impartiality must exist both as a matter of fact and as a matter of reasonable perception. If partiality is reasonably perceived, that perception is likely to leave a sense of grievance and of injustice having been done, thereby destroying confidence in the judicial system. The perception of impartiality is measured by the standard of a reasonable observer. The perception that a judge is not impartial may arise in a number of ways, for instance, by a perceived conflict of interest, by the judge's behaviour on the bench, or by the judge's out-of-court associations and activities.*

*55. If a judge appears to be partial, public confidence in the judiciary is eroded. Therefore, a judge must avoid all activity that suggests that the judge's decision may be influenced by external factors such as a judge's relationship with a party or interest in the outcome.*

*56. Impartiality is not only concerned with perception, but more fundamentally with the actual absence of bias and prejudgment. This dual aspect is captured in the often repeated words that justice must not only be done, but must manifestly be seen to be done. The test usually adopted is whether a reasonable observer, viewing the matter realistically and practically, would (or might) apprehend a lack of impartiality in the judge. Whether there is an apprehension of bias is to be assessed from the point of view of a reasonable observer.*

*57. Bias or prejudice has been defined as a leaning, inclination, bent or predisposition towards one side or another or a particular result. In its application to judicial proceedings, it represents a predisposition to decide an issue or cause in a certain way which does not leave the judicial mind perfectly open to conviction. Bias is a condition or state of mind, an attitude or point of view, which sways or colours judgment and renders a judge unable to exercise his or her functions impartially in a particular case.*

*61. A judge is obliged to ensure that judicial proceedings are conducted in an orderly and efficient manner and that the court's proċess is not abused. An appropriate measure of firmness is necessary to achieve this end. A fine balance has to be drawn by the judge who is expected both to conduct the proċess effectively and to avoid creating in the mind of a reasonable observer any impression of a lack of impartiality. Any action which, in the mind of a reasonable observer, would (or might) give rise to a reasonable suspicion of a lack of impartiality in the performance of judicial functions must be avoided. Where such impressions are created, they affect not only the*

> *litigants before the court but public confidence in the judiciary generally.*
>
> *79. The consent of the parties will not justify a judge continuing in a situation in which he or she felt that disqualification was the proper path. There is another interest in such decisions, namely, the public's interest in the manifestly impartial administration of justice. ...*

*Illi barra minn hekk, ġurisdizzjonijiet oħra li rrealizzaw il-konsegwenzi ta' meta eċċezzjoni ġustifikata ta' rikuża ta' ġudikant tiġi inġustament miċħuda, għamlu tibdil fil-qafas leġislattiv sabiex l-eċċezzjoni ta' rikuża tiġi deċiża minn ġudikant ieħor, jew sabiex l-atti dwar ir-rikuża jkunu jistgħu jiġu eżaminati minn ġudikanti oħra. Huwa rilevanti dak li ntqal fil-paragrafu bin-numru 62 f'paġna 12 ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali. B'danakollu, fil-każ ta' Malta, skont l-artikolu 738 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eċċezzjoni ta' rikuża jiddeċidiha l-ġudikant innifsu, minkejja li l-eċċezzjoni tkun tirrigwarda s-sitwazzjoni jew l-operat tiegħu stess, u dan mingħajr ebda dritt ta' appell. Dan hu ksur tal-prinċipju "nemo judex in causa sua". L-artikolu 738 jipprovdi:*

> *(1) Meta l-qorti hija kkostitwita minn imħallef wieħed u kontra dan l-imħallef tiġi mogħtija l-eċċezzjoni ta' rikuża, għandu jiddeċiedi huwa nnifsu fuq ir-raġunijiet tal-eċċezzjoni, u kontra din id-deċiżjoni ma jingħatax appell, u, jew jastjeni ruħu u jiddigrieta li hemm lok għas-surroga ta' mħallef ieħor, inkella jissokta jisma' l-kawża, skont kif ikun iddeċieda.*
>
> *(2) Fil-każijiet li fihom il-qorti hija kkostitwita b'iżjed minn imħallef wieħed, l-imħallfin kollha, u fosthom l-imħallef irrikużat, jiddeċiedu fuq l-eċċezzjoni ta' rikuża, u meta hemm dubju jekk ir-raġuni miġjuba għall-astensjoni hix tajba jew le, l-imħallfin kollha, fosthom l-imħallef li jkun ġieb dik ir-raġuni, jiddeċiedu fuq ir-raġuni ta' rikuża jew ta' astensjoni.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent proprio et nomine, filwaqt li jirriserva d-dritt li jressaq provi dwar il-lanjanzi tiegħu, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1) Tiddikjara illi r-rikorrent Allan Mizzi u ibnu minuri Ethan sofrew ksur tad-dritt fondamentali tagħhom għal ħajja privata u għall-ħajja tal-familja garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319).*

*2) Tiddikjara illi r-rikorrent u ibnu minuri sofrew vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq garantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319).*

*3) Tiddikjara illi r-rikorrent u ibnu minuri sofrew vjolazzjoni tad-dritt għal proċess ġust u smigħ xieraq garantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropeja.*

*4) Tiddikjara illi ibnu minuri Ethan sofra leżjoni tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropeja.*

*5) Tiddikjara illi r-rikorrent u ibnu minuri sofrew vjolazzjoni tad-dritt għal rimedju effettiv quddiem l-awtoritajiet nazzjonali garantit mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319).*

*6) Tiddikjara illi r-rikorrent u ibnu minuri sofrew vjolazzjoni tad-dritt għal rimedju effettiv garantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropeja.*

*7) Tiddikjara illi in kwantu l-artikolu 738 tal-Kap 12 jistipula illi l-eċċezzjoni ta' rikuża jiddeċiha l-ġudikant innifsu, minkejja li l-eċċezzjoni tkun tirrigwarda s-sitwazzjoni jew l-operat tiegħu stess, dan jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju "nemo judex in causa sua" u għalhekk jivvjola l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropeja, u tiddikjara, safejn jidhrilha neċessarju, illi l-artikolu 738 tal-Kap 12 huwa inkompatibbli mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u għalhekk null u bla effett.*

*8) Tordna li l-każ jiġi assenjat lil ġudikant ieħor.*

*9) In vista tal-fatt illi dawn il-lanjanzi involvew lir-rikorrent proprio et nomine f'ħafna inkwiet u ansjeta`, taħbit u spejjeż legali, tordna wkoll il-ħlas ta' kumpens bħala "non-pecuniary damages" kif ukoll bħala "pecuniary damages".*

*10) Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedura għal Interim measure, kontra l-Istat rappreżentat fil-proċeduri odjerni mill-Avukat tal-Istat.*

2. Rat illi fit-2 ta' Settembru 2020 Elizaveta Mizzi Lampetova irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

*Illi t-talbtiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu kollha miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

1. *Illi qabel xejn u għad illi l-esponenti ma tridx illi din il-Qorti Kostituzzjonali tinbidel f' Qorti tal-Familja, hija tirrileva illi huwa importanti illi din il-Qorti jkollha tgħarif biżżejjed biex tifhem illi r-rikorrent qiegħed jabbuża minn dawn il-proċeduri biex itawwal kawża fejn huwa sistematikament żamm lill-esponenti milli tara lil binha. Għalhekk din il-Qorti għandha tkun taf illi r-rikorrent indottrina lill-ibnu biex jirrifjuta li jmur għall-aċċess mal-esponenti ommu. L-esponenti kienet tippreżenta ruħha għall-aċċess u t-tifel kien iħares lejn missieru u jirrifjuta li jitlaq magħha. Dan il-pjan tar-rikorrent gie mbagħad frustrat mill-Qorti tal-Familja meta l-Qorti ordnat illi l-aċċess jibda mill-iskola fejn jattendi lminuri, hir-riżultat illi t-tifel b' tgħanniq u bews telaq għall-aċċess m'a ommu daħkan u kuntent. Kien għalhekk il-ħtieġa illi b' xi mod jew ieħor dawn il-proċeduri jieqfu u għalhekk allura saret din il-kawża*

*illi għad illi sejra tkun kosluża u vessatorja — sejra tgħin lir-rikorrent biex jiżgura illi jisraq ftit snin oħra minn żmien limitat ta' tfulija illi fadal biex l-omm u l-wild jgawdu lil xulxin.*

2. *Dwar l-ewwel lanjanza ċioe dik dwar Kevin Sammut l-esponenti tirrileva s-segwenti:*

    a. *Il-biżgħat eżaġerati tar-rikorrent fil-konfront ta' Kevin Sammut mhux talli ġew investigati bir-reqqa mill-Qorti tal-FamiIja iżda ingħataw aktar qis u piż milli qatt messhom ġew mgħotija b' mod illi kull xorta ta' interazzjoni bejn il-minuri u Kevin Sammut ġiet sopressa mill-Qorti. L-esponenti ma tistgħax tifhem x' setgħet tagħmel aktar il-Qorti tal-Familja biex sserraħ il-fantażiji tar-rikorrent aktar milli għamlet fid-digriet tagħha tat-28 ta' Ottubru 2019 illi ordnat illi "access must never be exercised in the presence of Kevin Sammut".*

    b. *Kevin Sammut għadu ma ġie misjub ħati ta' ebda reat u fil-fatt probabbilment ma jdumx ma jiġi liberat mill-akkużi kollha miġjuba kollha tiegħu minħabba nuqqas kważi assolut ta' provi. Anke kieku stess, pero, ġie misjub ħati ta' dak li ġie mixli bih, dak il-fatt waħdu ma għandux jwassal għal xi ksur ta' drittijiet fondamentali ta' ħadd ieħor, daqslikieku persuna illi kommettiet reat għandha — wara li tiskonta d-dejn tagħha lis-soċjeta' — tkompli u tiġi sistematikament maqtugħa mis-soċjeta'.*

    c. *It-teżi kostituzzjonali impliċita f'din il-lanjanza hija ineżistenti, perikoluża, vessatorja u insult għas-sistema legali tagħna. Skont ir-rikorrenti, id-drittijiet kostituzzjonali tiegħu ġew leżi għaliex, il-Qorti — għad illi żammet milli jkun hemm aċċess fil-presenza ta' Sammut — tat digriet illi jista' jiġi violat fil-konfront ta' persuna waħda illi għadu innoċenti minn kull imputazzjoni - jgħid jgħix Holmes.*

3. *Dwar it-tieni lanjanza jingħad;*

    a. *Dina l-Qorti għandha tkun taf ukoll illi dawn il-proċeduri huma fihom infushom forma ta' Attempted Judicial Intimidation u ċioe meta parti f' kawża tqajjem ripetutatment u ta' xejn lanjanzi kontra l-ġudikant illi qiegħed jisma' l-kawża bil-ħsieb illi jinfluwenza jew jintimida lil Ġudikant - Ir-rikorrent ma qalx fir-rikors tiegħu illi huwa talab darbtejn illi l-Imħallef Padovani Grima tieqaf tisma' din il-kawża. L-ewwel talba ġiet irtirata wara li ġiet preżentata u wara li saret risposta għaliha. It-tieni talba tressqet għaliex il-Qorti ħadet deċiżjoni illi ma għoġbitx lir-rikorrent, u ċioe, ma ppermettitx lir-rikorrenti jappella mid-digriet illi ppermetiet lill-omm tiġbor lil binha għall-aċċess mill-iskola. Provvediment simili jista' jkun offensiv u kawża ta' appell biss għal min huwa diterminat illi l-omm ma tarax lit-tifel tgħid x'tgħid il-Qorti. Ir-rikors odiern hija manifestazzjoni oħra tad-diterminazzjoni la r-*

*rikorrent illi jirbaħ il-ġlieda tiegħu kantra l-ġudikant. Jingħad ukoll biex jissaħħaħ l-argument tal-esponenti dwar it-tentattiv ta' intimidazzjoni sistematiku tal-ġudikant, illi r-raġuni għall-oppożizzjoni tal-ġudikant presedenti, inkwantu jirrigwarda lill-Avukat Stephen Thake, kienet magħrufa mill-Avukat Tonio Azzopardi fil-mument meta r-rikorrent odjern ġie notifikat bir-rikors ġuramentat promotur u mhux talli ma ressaq ebda talba għar-rikuża tal-ġudikant illi allura kien jaf min hi, iżda ressaq kontro-talba. Ir-rikorrent, illi jimmaġina illi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 733 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħtuh poteri ta' kontroll fuq il-Qrati jidher illi ddeċieda iqiegħed lil ġudikant fuq xi xorta ta' probation. Fi kliem ieħor huwa ddeċieda illi sejjer jippermetti lill ġudikant tisma' l-kawża jekk ma tagħmel xejn biex tiżgura li l-omm ma tarax lil binha iżda "ikeċċi" lil ġudikant jekk tagħti xi digriet, kif tat, li renda l-aċċess possibli għaliex indipendenti mir-rikorrenti.*

b. *Illi in kwantu r-rapport bejn il-ġudikant u l-Avukat Stephen Thake b'żieda ma' dak ġja sottomess dwar it-tentattiv sistematiku ta' intimidazzjoni tar-rikorrent, l-esponenti tissottometti wkoll illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tqis, fl-ewwel lok illi fl-atti tal-kawża ma hemm ebda prova kwalsiasi rapport bejn il-ġudikant u l-Avukat Stephen Thake. Fil-fatt jiġi biss allegat f' dawn il-proċeduri illi kienet il-ġudikant illi fi proċeduri oħra iddikjarat illi l-Avukat Stephen Thake kien avukat difensur tal-Imħallef sedenti. L-esponent ma taf b'ebda dikjarazzjoni f' dan is-sens u jekk dik id-dikjarazzjoni saret qatt ma ġiet eżebita' fl-atti ta' din il-kawża. Sa fejn allura taf l-esponenti, din hija mmaġinazzjoni tar-rikorrent;*

c. *Illi kemm il-darba jkun magħruf b' mod illi l-Qorti tista' toqgħod fuqu illi l-Avukat Stephen Thake kien xi darba 1-Avukat tal-ġudikant, il-Qorti trid tara u tistabilixxi linja ċara ta' demarkazzjoni fejn ġudikant għandu jqis l-interazzjoni tiegħu ma' xi persuna ġġib illi dik il-persuna għandha titqies bħala waħda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12. L-esponenti taf illi hawn il-Qorti sejra toqgħod attenta ħafna. Il-Ġudikant huwa marbut jiddeċiedi sakemm huwa prekluż mill-Liġi illi jiddeċiedi. Kull Ġudikant għandu numru kbir ta' persuni illi jgawdu l-fiduċja tiegħu u li tagħhom jista' jkollu impressjoni għolja ħafna. Apparti mill-"Avukati"' Ġudikant jivviżita Tobba, Speċjalisti, Mechanics, qabel l-elevazzjoni tiegħu seta' kellu soċji u ċertament kellu klijenti, jista' jkollu ħbiberiji ġejjin mill-iskejjel tat-tfal jew il-ħbieb tal-mara tiegħu. Il-lista ma tispiċċa qatt. Ir-rikorrenti għażel l-Avukat u jispjega l-għażla tiegħu sew peress illi l-Qrati tagħna ma jżidux faċilment mal-lista twila u eżawrijenti* ta' persuni miġbura fl-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Rat illi fit-13 ta’ Ottubru 2020, L-Avukat tal-Istat ippreżenta risposta ulterjuri fejn qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi in succinct ir-rikorrent qiegħed jilmenta minn dak li ġara u minn dak li qiegħed jiġri fi proċeduri li għandu quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) mal-eks mara tiegħu l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova dwar kwistjonijiet familjari partikolarmant il-kura u l-kustodja tat-tifel Ethan.*

*Illi bid-dovut rispett, l-esponent ma jistgħax ma jirrimarkax kif permezz tar-rikors promotur r-rikorrenti infexx jattakka lil Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) b`sensiela ta` allegazzjonijiet infondati fejn fost affarijiet oħra qed jallega nuqqas ta` imparzjalita` mill-Qorti, interferenza fil-ħajja familjari tiegħu, nuqqas ta` smigħ xieraq u li dan wassal sabiex ġew vjolati id-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*Illi l-esponenti jirrespinġi dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, bl-ebda mod ma ġew mittiefsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti liema eċċezzjonijiet qegħdin jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għall-xulxin.*

*1. Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi huwa qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta għandu a disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju sabiex iħares d-drittijiet pretiżi minnu. In fatti, ir-rikorrenti għandu r-rimedju tramite talba għall-varjazzjoni tad-Digrieti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kif ukoll azzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jattakka tali digrieti u dan taħt il-poteri residwali tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.*

*2. Huwa evidenti li r-rikorrenti qed juża l-proċeduri odjerni sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi dwar diversi kwistjonijiet li għadhom pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) jew sabiex jiġu riveduti digrieti li tat dik il-Qorti biex b`hekk tuża din l-Onorabbli Qorti bħala Qorti tat-tielet grad. Ħaġa li ma tistgħax issir.*

*3. Illi jiġi eċċepit ukoll li ġaladarba l-proċeduri in kwistjoni għadhom ma ġewx deċiżi definittivament ir-rikorrenti għandha dejjem ir-rimedju ordinarju tal-appell.*

*4. Illi għalkemm r-rikorrenti evidentement mhux qed jaqbel ma' ċertu digrieti u deċiżjonijiet li tat il-Qorti tal-Familja, dan il-fatt waħdu żgur li mhux suffiċjenti sabiex din l-Onorabbli Qorti issib li hemm vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali li jsemmi r-rikorrenti fir-rikors promotur.*

*5. Il-Qorti tal-Familja bħala kull Qorti/Tribunal indipendenti u imparzjali hija obbligata li tisma lill-partijiet, tevalwa u tapprezza ix-xhieda u l-provi miġjuba sabiex finalment tagħti ġudizzju. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-proċess relattiv li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' proċess ġust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiġġudika.*

*6. Illi fil-proċeduri ċivili in diżamina fl-ebda ħin u fl-ebda mument ir-rikorrent ma ġie trattat b`mod differenti mill-parti l-oħra u lanqas ma*

*jirriżulta li ġie mċaħħad minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalita` tagħhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm a fair hearing. Bil-fatt waħdu li l-Qorti tat ċertu deċiżjonijiet li kienu sfavorevoli għar-rikorrenti, dan ma jfissirx li kien hemm ksur tal-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*7. Illi speċifikatament dwar il-kwistjoni tar-rikuża tal-Imħallef Dr. Padovani Grima jingħad li l-artikolu 733 tal-Kap. 12 jipprovdi li ġudikant jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni biss fil-każijiet imsemmija fil-liġi (ara Licari Estates Ltd. vs Kishinchand Mohnani deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar 2001) jew għall-massimu fejn ikun hemm raġunijiet gravi kif imfissra fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja deċiża mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' Ottubru 2000 u Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr Patrick Vella LL.D. deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru 2006.*

*8. Illi fil-fehma tal-esponenti, l-analiżi li trid issir hija li jiġi deċiż jekk dak li minnu qed jilmenta ir-rikorrenti jinkwadrax ruħu f'xi wieħed mill-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-artikolu 734 tal-Kap. 12.*

*9. Illi wara li wieħed iħares lejn tali artikolu jirriżulta biċ-ċar li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi imsemmija f'dan l-artikolu ma hija applikabbli fil-każ odjern u dan stante li t-talba tar-rikorrenti ma' tinkwadra taħt l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12. L-Artikolu 734 (1) tal-Kap. 12 jibda billi jipprovdi li "L-Imħallfin ma jistgħux jiġu rikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqgħodu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqogħdu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara imsemmijin". Illi dawn l-eċċezzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12 jridu jiġu nterpretati b'mod ristrettiv u mhux jiġu estiżi għall-ċirkostanzi li mhumiex imsemmija fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12.*

*10.Illi għal dak li jirrigwarda l-prinċipji li jsawru l-indipendenza u l-imparzjalita' ta' ġudikant, l-esponenti jagħmlu referenza għal-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick "An impartial tribunal – "Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect".*

*11.Illi l-esponent jirrileva li imkien ma jirriżulta li l-Imħallef Padovani Grima kienet oġġettivament jew soġġettivament "biased". Illi r-rikorrenti qed jilmenta partikolarment mill-fatt li l-Imħallef in kwistjoni ma rrikużatx ruħha meta ġiet mitluba tagħmel hekk. Il-liġi hija ċara dwar meta Imħallef għandu jirrikuża ruħu u dan ai termini tal–artikolu 734 tal-Kap 12. Anke hawn l-esponent jgħid li r-rikorrenti ma ressaq l-ebda raġuni valida sabiex l-Imħallef tirrikuża ruħha mill-kawża.*

*Illi għalhekk m`hemm l-ebda leżjoni tal-jedd għal-smigħ xieraq.*

*12.Illi r-rikorrent qed jilmenta li ġarrab leżjoni tad-dritt għal-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja garantit mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u fic-Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-EU.*

*13.Fis-sentenza tagħha tal-4 ta` Diċembru 2007 fil-kawża Dickson vs UK il-Qorti Ewropeja qalet hekk – The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities. Għalhekk l-indħil mill-awtorita` pubblika għandu jkun fil-każi speċifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta` l-Art.8 (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta` Settembru 2007 fil-kawża "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid ħajja familjari li ħaqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx ġustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).*

*14.Dwar dan jingħad li jekk evidentement hemm problemi bejn ir-rikorrenti u l-eks mara tiegħu fejn tidħol il-kura u l-kustodja tat-tifel u kwistjonijiet oħra ta` pika u ġlied dan żgur li ma ġiex ikkawżat mill-Qorti jew minn xi awtorita` ġudizzjara oħra. Meta ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, hija l-Qorti li għandha tiddetermina l-kura u l-kustodja tat-tfal fi proċeduri ta` separazzjoni billi tissalvagwardja primarjament l-aħjar interessi tat-tfal. F`dan il-każ ma hemmx dubju li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni il-fatturi kollha biex waslet għad-digrieti tagħha.*

*15.Illi huwa risaput li f`kawżi bħal dawn huwa kważi impossibbli li tissodisfa lil kulħadd pero` ma hemm l-ebda dubju li dak kollu li qed issir huwa sabiex primarjament jitħarsu t-tfal u jkun hemm bilanċ bejn id-drittijiet tar-rikorrenti bħala missier it-tifel u d-drittijiet tal-omm. Fuq kollox kif ir-rikorrenti għandu kull dritt ma jaqbilx mad-digrieti tal-Qorti l-istess Elizaveta Mizzi Lampetova għandha d-drittijiet tagħha biex anke hi ikollha aċċess għat-tifel u tuża l-għodda kollha legali sabiex jitħarsu dawk id-drittijiet.*

*16.Illi effettivament meta jkun hemm limitazzjoni fuq aċċess ta' ġenitur għall-minuri wliedu inevitabbilment dan iġib miegħu xi tip ta' interferenza fil-ħajja familjari tal-ġenitur iżda fl-istess waqt dan ma jġibx bħala konsegwenza l-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan peress illi tali miżuri huma proprju intiżi sabiex jigarantixxu rispett lejn il-ħajja, id-dinjita', l-kura u l-protezzjoni tal-minuri.*

*17.Illi dak illi huwa imperattiv fil-kunsiderazzjoni ta' l-allegazzjoni tar-rikorrenti huwa jekk, filwaqt li l-interess tal-minuri jinżamm bħala kunsiderazzjoni primarja, jekk fid-deċiżjonijiet pendente lite tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) żammewx dak il-bilanċ ġust bejn l-interessi kunfliġġenti tal-ġenituri. F'dan l-eżerċizzju l-qrati għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u sakemm dina l-Onorabbli Qorti ma ssibx li tali eżerċizzju ta' diskrezzjoni sar b'mod irraġonevoli, jew ma jsegwiex għan leġittimu, jew mhux neċessarju allura ma għandux jiġi mibdul.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

**Provi**

4. Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2020, il-kawża tħalliet għall-provi.

5. Semgħet ix-xhieda permezz ta' video conference ta' **Dr. Tonio Azzopardi** tal-14 ta' Jannar 2021 (fol 121).

6. Rat id-dokumenti eżebiti Dok MS1 u MS2 (fol 124A- 124B).

7. Rat ir-rikors ta' Allan Mizzi tad-9 ta' Frar 2021 għall-ħruġ ta' miżura provviżorja w ir-risposta tal-Avukat tal-Istat għal dan ir-rikors (fol 125-131).

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Emanuel Sciriha** bħala Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali mogħtija fis-7 ta' Lulju 2021 (fol 145).

9. Rat in-nota tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ippreżentata fit-13 ta' Lulju 2021 (fol 149), in ottemperanza ma' dak minnu assunt li kien ser jagħmel fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2021.

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Doctor Alexia Aquilina** bħala Assistent Reġistratur tal-Qorti fl-20 ta' Ottubru 2021 (fol 157) u rat id-dokumenti minnha ippreżentati (fol 159).

11. Rat l-affidavit ta' l-**Imħallef Jacqueline Padovani Grima** tal-20 ta' Ottubru 2021 (fol 160).

12. Rat in-nota ta' Doctor Alexia Aquilina ippreżentata fil-21 ta' Ottubru 2021 b' dokumenti annessi (fol 162).

13. Rat l-affidavit ta' **Allan Mizzi** ippreżentat fit-30 ta' Novembru 2021 (fol 167).

14. Rat illi fit-30 ta' Novembru 2021, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi filwaqt illi stieden lill-Qorti sabiex jaċċedi għall-files kollha tal-proċeduri pendenti quddiem l-Imħallef Padovani Grima qabel ma tgħaddi għall-deċiżjoni finali.

15. Semgħet ix-xhieda, in kontro eżami, ta' Doctor Tonio Azzopardi ta' 26 ta' April 2022 (fol 174).

16. Semgħet ix-xhieda ulterjuri in kontro-eżami ta' Doctor Tonio Azzopardi tal-5 ta' Lulju 2022 (fol 187), fejn l-Qorti awtorizzat lil Dr Azzopardi jippreżenta 'Timeline' ta' dak kollu illi seħħ fil-proċeduri li dwarhom qed isir l-ilment odjern.

17. Semgħet ix-xhieda ta’ **Elizaveta Mizzi Lampentova**, mogħtija fil-5 ta’ Lulju 2022 (fol 196).

18. Rat li fil-5 ta' Lulju 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

19. Rat in-nota ippreżentata fit-13 ta' Lulju 2022 b’kopja informali ta' digriet mogħti fil- 21 ta' Ġunju 2022 fil-kawża numru 15/2019 JPG fl-ismijiet Elizaveta Mizzi Lampetova vs Allan Mizzi (fol 203).

20. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrent Allan Mizzi ippreżentata fit-28 ta’ Novembru 2022 (fol 209).

21. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat ippreżentata fis-6 ta’ Frar 2023 (fol 249).

22. Rat l-atti proċesswali varji tal-proċeduri bil-lingwa Ingliża fl-ismijiet ‘***Elizaveta Mizzi Lampentova vs Allan Mizzi***’ li qed jinstemgħu quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), Rikors Nru 15/2019 JPG, li ġew ritornati lura sabiex ikomplu fil-proċess tagħhom.

**Fatti tal-każ**

23. Jirriżulta li r-rikorrent Allan Mizzi u l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova preżentement għaddejjin minn proċeduri ta’ separazzjoni, liema proċeduri jinkludu wkoll it-tifel minuri Ethan, illi tiegħu għandu l-kustodja r-rikorrent u li l-intimata għandha aċċess għalih.

24. Jirriżulta illi, waqt illi l-proċeduri kienu fi stadju ta’ medjazzjoni, ġew ippreżentati varji rikorsi f’Awissu tas-sena 2018, quddiem l-Imħallef Abigail Lofaro in vista tal-fatt illi l-persuna li magħha qiegħda tabita l-intimata, ossija Kevin Sammut, kien qed jingħata aċċess għat-tifel, minkejja illi kien perikoluż. Tali rikorsi nġiebu wkoll għall-attenzjoni tal-Prim’ Imħallef tramite proċess ‘*ad hoc*’ adoperat mir-rikorrent.

25. Jirriżulta li sussegwentement, fit-8 ta' Novembru 2018, il-Qorti tal-Familja ippreseduta mill-Imħallef Abigail Lofaro, wara li ġie ippreżentat rapport mill-Avukat tat-tfal, laqgħet it-talba għall-kura u kustodja tar-rikorrent għal minuri Ethan, b’ħinijiet ta' aċċess għall-omm kif indikat fid-digriet.

26. Jirriżulta illi wara li ngħalqu il-proċeduri ta' medjazzjoni, l-omm ipproċediet b’każ quddiem il-Qorti tal-Familja, il-każ ġie assenjat lill-Imħallef Jacqueline Padovani Grima. Matul dan il-każ, bdew jiġu ippreżentati rikorsi għal digriet dwar l-aċċess tal-minuri Ethan simli għal dawk ġia degretati, u dan sabiex, fost affarjiet oħra, l-aċċess għall-minuri, ikun sorveljat. Jirriżulta illi tali talba għal sorveljanza ġiet miċħuda b’digriet tat-28 ta’ Ottubru 2019.

27. Jirriżulta illi r-rikorrent talab fid-29 ta’ Ottubru 2019, illi jappella minn tali digriet, liema talba ġiet iżda lilu miċħuda fl-10 ta’ Diċembru 2019.

28. Jirriżulta illi nelfrattemp, fil-31 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrent talab lill-Imħallef sedenti sabiex tirrikuża ruħha għaliex qed jallega li hija 'biased' favur Elizaveta Mizzi Lampetova, liema talba ġiet sussegwentement minnu irtirata waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2019.

29. Jirriżulta illi fit-23 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrent reġa' ppreżenta rikors sabiex l-Imħallef sedenti tirrikuża ruħha, peress illi l-Avukat ta' l-intimata kien jippatroċinja l-Imħallef sedenti f'kwistjonijiet personali tagħha.

30. Jirriżulta illi fis-17 ta' Ġunju 2020, il-Qorti ċaħdet it-talba għar-rekuża tagħha, u sussegwentement, fis-6 ta' Lulju 2020, ġew ippreżentati l-proċeduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

31. Jirriżulta illi ir-rikorrent, permezz tal-azzjoni preżenti, jikkontendi li hu u ibnu sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq, kif garantit fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrent qed jallega wkoll li sofra vjolazzjoni ta' dritt għal rimedju effettiv quddiem l-awtoritajiet nazzjonali, kif garantit mill-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

32. Ir-rikorrent isostni wkoll li, peress li l-artikolu 738 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jistipula illi l-eċċezzjoni ta' rikuża jiddeċidiha l-ġudikant innifsu, dan jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju '*nemo judex in causa propria*' b'hekk qiegħed jikkontendi li l-artikolu 738 tal-Kapitolu 12, jivvjola l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, qed jintalab li l-artikolu 738 tal-Kapitolu 12, huwa inkompatibbli mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u li huwa null u bla effett.

33. Ir-rikorrent isostni ukoll illi hu u ibnu sofrew vjolazzjoni tad-dritt skont l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea filwaqt illi ibnu minuri sofra leżjoni ta' l-artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea.

34. Finalment, ir-rikorrent talab illi l-każ jiġi assenjat lil ġudikant ieħor filwaqt li ntalab il-ħlas ta' kumpens minħabba l-inkwiet u l-ansjetà u t-taħbit li għadda minnhom ir-rikorrent.

35. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi kemm l-intimat Avukat tal-Istat, kif ukoll l-intimata Elizaveta Mizzi Lampentova, lkoll qajjmu varji difiżi in kontestazzjoni ta' kull ilment imqajjem mir-rikorrent.

**Difiżi Preliminari tal-Avukat tal-Istat**

**L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari tal-Avukat tal-Istat**

36. L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat, hija li r-rikorrent qed jabbuża minn proċedura straordinarja meta għandu rimedju ordinarju tramite talba għal varjazzjoni ta' digrieti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kif ukoll azzjoni quddiem il-Prim' Awla sabiex jattakka tali digrieti u dan taħt il-poteri residwali tal-Prim' Awla Qorti Ċivili.

37. Illi huwa minnu, li jirriżulta, li r-rikorrent qed jilmenta prinċipalment mid-digrieti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-każ 15/2019, liema kawża hija preseduta mill-Imħallef Padovani Grima, partikolarment dak mogħti fit-28 ta’ Ottubru 2019. Huwa evidenti li l-ilmenti prinċipali tar-rikorrent jirrigwarda dak deċiż fid-digrieti dwar l-aċċess li għandu jkollha Elizaveta Mizi Lampetova għall-minuri Ethan li ngħataw waqt l-andament tal-kawża fil-meritu ta’ tali dritt ta’ aċċess.

38. Jidher ċar illi huwa minnu li r-rikorrent kien prinċipalment qed jilmenta mill-Ġudikant wara d-digriet li ngħatat fit-28 ta’ Ottubru 2019. L-intimati lkoll jikkontendu li r-rikorrent ma eżawrix ir-rimedju ordinarju tiegħu, liema rimedju ordinarju kien jikkonsisti f'li jerġa' jippreżenta rikors għar revoka *contrario imperio* tad-digriet, liema rikors kellu jiġi ppreżentat quddiem l-istess imħallef li qed jippresedi l-każ.

39. Madanakollu, jidher ċar illi r-rikorrent attwalment intavola rikors sabiex jappella minn tali digriet, liema permess ġie lilu miċħud minn l-istess Qorti fl-10 ta’ Diċembru 2019.

40. Jidher, għalhekk, illi fejn jidhol id-digriet tat-28 ta’ Ottubru 2019, ir-rikorrent ipprova rimedju ta’ appell, iżda huwa ma ngħatax tali rimedju.

41. Il-Qorti tosserva illi, faċilment ir-rikorrent seta’ reġa’ ippreżenta rikors għar-revoka contrario imperio tad-digriet, kif indikat mill-intimati, iżda ċertament ir-rikorrent, rinfaċċjat b’tali rifjut, kien ben a konoxxenza tal-possibbilta’ illi tali talba tiġi lilu miċħuda – kien għalhekk illi wieħed ċertament jista’ jqis illi huwa eżawrixxa r-rimedji tiegħu qabel ma intavola l-kawża odjerna.

42. Għalhekk abbażi ta' dawn il-fatti, il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat, billi jirriżulta li r-rikorrent għamel talba sabiex jappella mid-digriet qabel ma’ ipproċeda bil-proċedura Kostituzzjonali, u kien wara illi tali talba giet lilu miċħuda, li huwa nieda l-proċeduri odjerni.

## Meritu tal-każ

43. Jibda biex jingħad, li dan il-każ Kostituzzjonali jirrigwarda l-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) numru 15/2019, li hija preseduta mill-Imħallef Jacqueline Padovani Grima.

44. Jidher li r-rikorrent qed jilmenta prinċipalment minn digrieti dwar l-aċċess li għandu jkollha l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova għal binha Ethan u qed jikkontendi li minħabba digriet kif minnha mogħtija, il-Qorti tal-Familja kif preseduta, mhijiex indipendenti u imparzjali b'allegat ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq.

45. Dwar il-fatti tal-każ li dwarhom hemm il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, jidher li wara li l-konjuġi Mizzi sseparaw b' kuntratt f'Jannar 2017, inqalgħu diversi problemi rigward l-aċċess tal-minuri Ethan. Inizzjalment, waqt il-proċeduri ta’ medjazzjoni, b'digriet tal-Qorti tal-Familja ta' 8 ta' Novembru 2018, l-Imħallef Abigail Lofaro laqgħet it-talba tar-rikorrent sabiex ikollu l-kura u l-kustodja ta' minuri Ethan b’dan li l-omm ikollha aċċess għal minuri kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn l-4pm u s-7.30pm. u l-Ħadd bejn l-10am u s-7.30pm.

46. Jidher li sussegwentement, l-intimata Mizzi Lampetova ippreżentat il-każ 15/2019 stante nuqqas ta' qbil bejn il-konjuġi dwar l-aċċess għal-binhom Ethan. Fil-każ 15/2019, ippresjeduta mill-Imħallef Jacqueline Padovani Grima, ir-rikorrent talab li l-aċċess ikun taħt superviżjoni, liema talba iżda ġiet lilu miċħuda mill-Qorti, li ċaħditlu wkoll il-possibbilta' li jappella minnha hekk kif talab biex jagħmel dan. Kien għalhekk illi l-avukat difensur ta' Allan Mizzi ippreżenta rikors fejn talab lill-Imħallef Padovani Grima tirrikuża ruħha, iżda fis-17 ta' Ġunju 2020 il-Qorti ċaħdet it-talba għar-rikuża.

47. Din il-Qorti, ser tibda biex tagħmilha ċara, kif sewwa eċċepit mill-intimata Mizzi Lampetova, hawnhekk l-istħarriġ hi jrid isir huwa biss dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali u għalhekk din il-Qorti ma tistax bl-ebda mod tkun Qorti ta' reviżjoni għall-proċedura quddiem il-Qorti tal-Familja.

48. Fil-każ odjern, u kif jirriżulta anke mix-xhieda prodotta, prinċipalment dik tal-Avukat tar-rikorrent, ossija Dr Tonio Azzopardi, ir-rikorrent qed isostni li l-Imħallef Padovani Grima għandha tirrikuża ruħha peress li l-avukat tagħha, fil-proċeduri ta' separazzjoni personali tagħha, kien Dr. Stephen Thake. Dr Tonio Azzopardi jsostni li, bħalma l-Imħallef Padovani Grima kienet irrekużat ruħha minn kawża oħra illi huwa kellu, bħala Avukat, kontra Dr Stephen Thake, fil-kawża odjerna, hija kellha tagħmel l-istess.

49. Di fatti, minn qari tal-premessi u tat-talbiet, jidher evidentement, li l-ilment prinċipali tar-rikorrent huwa ippernjat fuq il-fatt ta' l-allegat leżjoni ta' drittijiet fundamentali marbuta mal-fatt li l-Imħallef sedenti fil-proċedura quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma irrikużatx ruħha.

50. Ir-rikorrent permezz tat-talbiet tiegħu fir-rikors promotur, qiegħed jilmenta li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu u ta' ibnu minuri Ethan a tenur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319), l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, u kif ukoll l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Inoltre`, ir-rikorrent qed jikkontendi wkoll, li ġew leżi d-drittijiet tiegħu u ta' ibnu kif garantiti mill-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrent qed jikkontendi wkoll li ibnu minuri sofra leżjoni tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

51. Madanakollu, il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-qorti, hija prinċipalemt sabiex tara jekk il-Ġudikant in kwistjoni hijiex imparzjali kif jeżiġu kemm il-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta, u, apparti minn hekk, jekk id-deċiżjoni li tirrifjuta li tirrikuża ruħha hijiex b'xi mod leżiva għall-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti.

## Ikkunsidrat

52. L-artikoli li jirregolaw l-astensjoni ta' ġudikat milli jisma' kawża huwa l-artikolu734 tal-Kap 12. Fil-fatt, l-artikolu 734(1) jistipula li:

> *"L-imħallfin ma jistgħux jiġu rrikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f'kawża miġjuba quddiemu fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqogħdu ħlief għal xi 1 mir-raġunijiet hawn imsemmijin."*

53. Tali istanzi għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv u m'għandhomx jiġu estiżi għal ċirkostanzi li mhumiex imsemmija f'dan l-artikolu. Dan ġie sostnut mill-intimati,

partikolarment peress li jirriżulta biċ-ċar li ebda wahda miċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu ma hija applikabbli għat-talba tar-rikorrenti, u dan peress l-ilment li l-Ġudikant kien preġudikat fil-konfront tar-rikorrent u l-ilment li l-Avukat ta' l-intimata kien jippatroċinja lill-Ġudikant sedenti ma humiex ilmenti li jinkwadraw taħt ebda mill-eċċezzjonijiet fl-artikolu 734.

54. Għalhekk, din il-Qorti ser tibda billi teżamina l-ilmenti tar-rikorrenti, mhux neċessarjament fl-ordni li ressaqhom ir-rikorrent, iżda b'mod aktar strutturat.

**<u>It-Tieni talba</u> – Ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

55. Fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jingħad:

> *Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbliġi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi...."*

56. Illi iżda, kontrarjament għal dak sottomess mill-intimati, l-artikoli suċitati ma jimpedux lill-Qorti milli tinvestiga allegat ksur, kemm attwali kif ukoll potenzjali, anke qabel ma jiġu konklużi l-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti.

57. Skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**, fil-ktieb "Law of the European Convention on Human Rights"

> *A number of specific rights have been added to Article 6(1) through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were ' equality of arms' and the right to a hearing in one's presence. A breach of such a specific right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing on a 'hearing as a whole' basis".*

58. Dan il-fatt gie rikonoxxut u applikat mill-Qorti Ewropea, ad eżempju, fil-każ fl-ismijiet **Arrigo and Vella v Malta** fejn ġie ribadit li :

> *"The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see R.D. v. Spain, no. 15921/89, Commission decision of 1 July 1991, Decisions and Reports (DR) 71, pp. 236, 243244). The Court, noting that the criminal proceedings in question have not yet been completed, finds that the applicants' submissions do not disclose any such circumstances (see Putz v. Austria, no. 18892/91, Commission decision of 3 December 1993, DR 76-A, pp. 10 ta' Mejju 2005 - ECHR - "FOURTH SECTION DECISION AS TO THE ADMISSIBILITY OF Application no. 6569/04by Noel ARRIGO and Patrick VELLA against Malta."*

59. Fil-każ **Dimech v Malta** deċiż fit-2 ta' April 2015, dejjem in konnessjoni ma’rikjesti ta’ rikuża ta’ ġudikant Malti fil-proċeduri quddiem il-Qrati Maltin, il-Qorti Ewropea tenniet:

> *"1. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, X. v. Norway, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) 14, p. 228; Bricmont v. Belgium, 7 July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos v. Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, X v. Switzerland, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127; B v. Belgium, Commission decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105; Cervero Carillo v. Spain, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001; Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010)."*

60. Tali linja gwida ġiet anke adottata mill-Qrati nostrani, bħalma jidher fil-każ aktar reċenti fl-ismijiet **Federation of Estate Agents v Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)** - QK 3/05/2016, fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet li kienu jeżistu tali ċirkostanzi. Il-Qorti hemm osservat li, l-fatt li kien hemm diġa’ sentenza ta' Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, kien ifisser li ma kienx għaqli

> *illi jitkompla l-proċess quddiem id-Direttur meta hemm sentenza ta’ qorti ta’ ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tgħid illi dak il-proċess huwa bi ksur ta’ jeddijiet fondamentali u dik is-sentenza għalkemm għadha mhix finali tkun tħassret mhux għal raġunijiet ta’ meritu iżda minħabba punt proċedurali.*

61. Kif ġia fuq osservat, il-kwistjoni li trid tindirizza din il-Qorti fil-każ odjern, huwa jeżistux iċ-ċirkostanzi fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, tali li jimmeritaw intervent ta’ dina l-Qorti minkejja li l-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għadhom għaddejjin, u ċertament mhumiex konklużi.

**Ikkunsidrat**

62. Għandu jingħad illi talba għar-rikuża ta' ġudikant għandha issir *in limine litis* w il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija miżgħuda b'eżempji fejn il-Qrati kellhom jikkonsidraw iċ-ċaħda ta' talba għar-rikuża fi stadju bikri tal-proċeduri f'sede

kostituzzjonali fil-kuntest tad-dritt għas-smiegħ xieraq (ara ad. ez. **Lawrence Grech et v Avukat Ġenerali et** - Q.K. 7.03.2017; **Vella and Arrigo v Malta** fuq ċitat; **L-On. Imħallef Dottor Anton Depasquale v Avukat Ġenerali** - Q.K. 5.10.2001 - pendenti l-istadju tal-Appell; **L-Imħ. Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v L-On. Prim Ministru et** - QK 27/01/2014; u **l-E.T. Rev. Mons. Arcisqof Giuseppe Mercieca pro. et. noe v l-On. Prim Ministru noe et** -QK - 27.9.1984).

63. Illi huwa prinċipju assodat, kif sewwa ritenut fil-każ **Cecil Pace vs Onorevoli Prim Ministru et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru 2011, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali li:

> *"Ir-rikuża mhix ħaġa ta' konvenjenza, iżda ta' ġustizzja u għalhekk sabiex wieħed jirrikorri għaliha, ir-raġuni trid tkun fondata altrimenti tagħti lok għal abbuż."*

64. Illi l-Qorti tagħraf li tabilħaqq, ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża m'humiex biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi u dan peress li, f'każijiet eċċezzjonali, jista' ikun hemm raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa għal tali astensjoni jew rikuża.

65. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smiegħ xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali.

66. Illi hekk kif ġie stabbilit mill-Qrati tagħna li:

> *"Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok għal rikuża - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - iżda tista' tinħoloq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonalita' tal-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-aħħar għandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-oħra tal-liġi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali **Sant vs Kummissarju tal-Pulizija** 2/4/90; **Cachia vs Onor. Prim Ministru et** 10/10/91; **Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et** 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) **Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et** 1/11/96).*
>
> *"... Indipendentement mill-fatt jekk iċ-ċirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuża tal-ġudikant skont il-liġijiet ta' proċedura. Il-parametri ta' dawk il-liġijiet għandhom jitqiesu li twessgħu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxu s-smigħ xieraq. Irid għalhekk jiġu interpretati fl-ispirtu tagħhom u fid-dawl tal-prinċipji enunċjati fil-ġurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropea." (**Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et.** 17 ta' Lulju 1996 (Qorti Kost).*

67. Sabiex jiġi determinat jekk id-dritt għas-smigħ xieraq ġiex leż, jew x'aktarx jista' jiġi leż ...

> *"Il-Qorti għalhekk trid teżamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jingħad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-ġudikant li jirrendi l-operat*

*tiegħu soġġettivament jew oġġettivament parzjali. L-aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tiġi valutata fl-isfond tal-każ partikolari."*

[PA (Sede Kostituzzjonali) **Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et** 1/11/96; ara wkoll **E. T. Rev.Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim Ministru noe et** 22/10/1984 Kost.).

68. Biex raġuni twassal għal astensjoni jew għal rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta mhux merament perċepita. Kif affermat fil-ġurisprudenza nostrana:

*"Il-liġi ma tridx li sempliċement, <u>għax parti jew oħra f'kawża tħoss jew jidhrilha li ġudikant jista' jkun parzjali allura dak il-ġudikant għandu ma jieħux konjizzjoni ta' dik il-kawża</u>. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata, skont il-liġi, u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull ħsieb ta' parzjalità li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat.' It-test oġġettiv ta' imparzjalità anki kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli."*

(ara **Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Diretur Generali tal-Qrati tal-Ġustizzja et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Novembru 2016, **Joseph Borg et vs Onorevoli Prim Ministru et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Ġunju 2017).

69. L-awturi **Van Dijk Van Hoof u Van Rijn** fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (4th ed) isostnu wkoll :

*"The adjectives 'independent' and 'impartial' are the expression of two different concepts. The notion of 'independence' refers to the lack of any connection between the tribunal and other parts of government, whereas the 'impartiality must exist in relation to the parties to the suit and the case at issue. However, the Court has not always drawn a clear borderline between the two concepts, and often considers both concepts together."*

L-istess awturi ikomplu:

*"For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial."*

70. Dwar, imparzjalita' soġġettiva jew oġġettiva, il-Qorti Ewropea, fis-sentenza "**Hauschildt vs Denmark**" (1989) fissret ir-rekwiżiti hekk:

*"46. The existence of impartiality for the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of*

*the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, amongst other authorities, the De Cubber judgment of 26 October 1984, Series A no. 86, pp. 13-14, para. 24).*

*47.As to the subjective test, the applicant has not alleged, either before the Commission or before the Court, that the judges concerned acted with personal bias. In any event, the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary and in the present case there is no such proof.*

*There thus remains the application of the objective test.*

*48.Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see, mutatis mutandis, the De Cubber judgment previously cited, Series A no. 86, p. 14, para. 26)."*

*This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive (see the Piersack judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, p. 16, para. 31). What is decisive is whether this fear can be held objectively justified."*

71. Inoltre, kif fuq premess, "*Personal impartiality is to be presumed until there is proof to the contrary.*" (**Le Compte, Van Leuven and De Meyere v Belgium** (1983).

72. Fil-każ ***Kypianou vs Cyprus*** ingħad is-segwenti:

6. *The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example, Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example, Mežnarić v. Croatia, no. 71615/01, 15 July 2005, § 36, and Wettstein, cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant's opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see Kyprianou vs Cyprus 15 December 2005, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*7. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII)."(Ara f'dan l-istess sens Hauschildt vs Denmark"(1989) citat supra).*

73. In vista tal-prinċipji suċitati, fil-fehma ta' din il-Qorti, kemm għal dak li jirrigwarda t-test oġġettiv u kif ukoll dak soġġettiv, il-fattur li għandu jagħti lok għal dubju dwar imparzjalita` tal-ġudikant, għandu ikun wieħed gravi.

74. L-ilment prinċipali, fil-każ in eżami, jikkonċerna r-rikuża tal-Imħallef sedenti f'dik il-proċedura, abbażi ta' l-allegazzjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-Imħallef Padovani Grima, peress li qed jiġi insinwat li Dr Stephen Thake kien l-avukat tal-Imħallef fis-separazzjoni tagħha, u jidher ċar li l-ilment u l-biża' tar-rikorrent huwa dwar allegat favoriment lill-intimata Elizaveta Mizzi Lampentova, peress li l-avukat ta' intimata Elizaveta Mizzi Lampentova huwa Dr. Stephen Thake.

75. Mill-provi prodotti, jidher illi attwalment Dr. Stephen Thake kien, di fatti, l-avukat difensur tal-Imħallef Jacqueline Padovani Grima, fiż-żmien is-separazzjoni konsenswali tagħha, iżda r-relazzjoni professjonali ma' Dr. Stephen Thake intemmet fit-**<u>18 ta' Ġunju 2018</u>**, ossija fid-data ta' meta ġie ippublikat il-kuntratt ta' separazzjoni. Tali fatt joħroġ b'mod ċar mill-affidavit tal-Imħallef Jacqueline Padovani Grima fl-affidavit tagħha tal-20 ta' Ottubru 2021.

76. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, li l-każ bejn Allan Mizzi u Elizaveta Mizzi Lampetova ġie intavolat quddiem il-Qorti tal-Familja fid-**<u>19 ta' Jannar 2019</u>**, meta Dr. Stephen Thake ma kienx għadu qed jirrappreżenta lill-Imħallef Jacqueline Padovani Grima.

77. Jirriżulta illi Dr Tonio Azzopardi, fix-xhieda tiegħu, saħaq illi bħalma l-Imħallef Jacqueline Padovani Grima irrikużat ruħha fi proċeduri oħra illi fihom kellu bħala 'ex adverso' lill Dr Stephen Thake, għalhekk kellha tagħmel l-istess fil-proċeduri odjerni wkoll.

78. Jirriżulta, madanakollu, illi kif jidher mid-dokument eżebit a fol 124A tal-proċess, fil-kawża li għamel referenza għalihom Dr Tonio Azzopardi, ossija 'Salerno Donna vs Bonello Għhio Guido', l-Imħallef kienet għamlet digriet ta' rikuża fit-**<u>28 ta' Mejju 2018</u>**, ossija meta kienet għadha qiegħd tadopera s-servizzi ta' Dr Stephen Thake bħala l-Avukat tagħha fil-proċeduri ta' separazzjoni tagħha.

79. Jirriżulta ċar illi, fid-19 ta' Jannar 2019, meta nbdew il-proċeduri quddiem l-Imħallef Jacqueline Padovani Grima, Dr Stephen Thake ma kienx għadu qed jippreżenta s-servizzi tiegħu lill-Imħallef Padovani Grima, peress illi s-separazzjoni kienet ġiet ppubblikata aktar minn sitt xhur qabel.

80. Għalhekk il-preokkupazzjoni tar-rikorrent li, qabel ma nbdew il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, l-Avukat tal-avversarja tiegħu, ossija martu u omm it-tifel tagħhom, kien jippatroċinja wkoll lill-Ġudikant sedenti, bl-ebda mod ma tista' taghti dubju dwar

l-imparzjalità tal-ġudikant liema nuqqas ta' imparzjalità għandha tkun waħda gravi u konkreta, u ċertament l-każ kif espost mir-rikorrenti ma jistax jitqies bħala tali.

81. F'dan il-kuntest, kif tajjeb sottomess mill-Avukat tal-Istat, għal dak li jirrigwarda it-test suġġettiv, kif deskritt u interpretat mill-qrati, ma saret l-ebda allegazzjoni suġġettiva fil-konfront tal-istess Imħallef li qiegħda tippresjedi il-Qorti tal-Familja. Għaldaqstant, ma nġabet l-ebda prova li l-Imħallef Jacqueline Padovani Grima, bl-imġieba tagħha uriet preġudizzju kontra r-rikorrenti, u jidher ċar li r-rikorrent ingħata l-opportunita' kollha sabiex jiddefendi lilu nnifsu kif mixtieq quddiemha, għalkemm finalment ma ottjeniex ir-riżultat minnu mixtieq.

82. Referibbilment għall-imparzjalità oġġettiva tal-ġudikant, irid jintwera jekk il-preokkupazzjoni u t-tħassib fuq l-imparzjalita tkunx ġustifikata b'mod oġġettiv, dan peress li il-ġudikant huwa dejjem ikkunsidrat imparzjali diment ma jkunx ġie ippruvat il-kuntrarju. Fil-każ in eżami, il-fatt innifsu li r-rikorrent iħoss li d-deċiżjoni dwar digriet kienet sfavorevoli għalih mhuwiex minnu nnifsu raġuni ta' nuqqas ta' imparzjalità għaliex kif diġa ingħad ir-raġuni ta' nuqqas ta' imparzjalità trid tkun waħda gravi u ippruvata.

83. Għalhekk, fil-karenza ta' provi sodisfaċenti u in vista tas-suespost, m'hemm l-ebda ksur ta' smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

84. Għaldaqstant, tiċħad it-talba tar-rikorrent.

**<u>L-Ewwel Talba</u> - Ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

85. Ir-rikorrent qed jilmenta wkoll minn ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, fejn qed jilmenta li hu u ibnu Ethan sofrew ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem(Kap 319).

86. L-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** jiddisponi:

> *(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *(2) M'għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.*

87. Dwar dan is-suġġett, l-awturi **DJ Harris, M O'Boyle u C Warbick, Law of the European Convention on Human Rights**, pag, 313 jgħidu hekk:

> *"It should be noticed at the outset that the obligation on the state is to respect family life: it does not allow persons to claim a right to establish family life, eg by marrying or having the opportunity to have children, nor a general right to establish family life in a particular jurisdiction."*

88. Dwar dan l-ilment li jirrigwarda l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-rikorrent qed jorbot dan l-ilment strettament mal-preokkupazzjoni tiegħu li ibnu Ethan, waqt l-aċċess ta' l-omm, qed ikun espost għal Kevin Sammut, il-partner ta’ Elizaveta, kif ukoll lill ħuh.

89. Fil-każ in eżami, huwa ċar li kwalsiasi digriet li jingħata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), irid jingħata primarjament fl-interess ta' l-ulied, peress illi huma biss il-vittmi tal-battalja għaddejja bejn il-ġenituri tagħhom, u ħadd aktar. Għalhekk, ċertament, mhuwiex fl-interess tat-tifel li wieħed mill-ġenituri ma jingħatax aċċess, kif jidher li kien qed jipprova jagħmel ir-rikorrent.

90. Jiġi osservat, li f'kawżi quddiem il-Qorti tal-Familja, bħal kawżi kollha li jinġiebu quddiem il-Qrati, digrieti u deċiżjonijiet jistgħu jiffavorixxu parti waħda aktar minn oħra. Madankollu, dan bl-ebda mod ma jfisser li d-dritt marbut mal-jedd tal-familja ser jiġi mittiefes, kif donnu qed jittenta jallega r-rikorrent.

91. Din il-Qorti tirrileva li meta d-digriet li jkun ingħata mill-Qorti tal-Familja ma jkunx qed jissodisfa ir-rikjesti tar-rikorrent, u għalhekk huwa ma jkunx sodisfatt bl-eżitu tiegħu, dana ma jfissirx li b'daqshekk qed jiġi leż id-dritt għal familja taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

92. Għaldaqstant, tiċħad t-talba tar-rikorrent.

**<u>Il-Ħames Talba</u> - Ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni**

93. Tramite il-ħames talba ir-rikorrent qed isostni li hu u ibnu minuri sofrew vjolazzjoni ta' dritt għal rimedju effettiv quddiem l-awtoritajiet nazzjonali kif garantit mill-artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319).

94. Dwar id-dritt għal rimedju effettiv fis-sentenza fl-ismijiet **Kudla vs Poland** deċiża fis-6 ta’ Ottubru 2000, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, irrilevat:

> *“The effect of article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an ‘arguable complaint’ under the Convention and to grant appropriate relief.*
>
> *The ‘effectiveness’ of a ‘remedy’ within the meaning of Article 13 does not depend on the certainty of a favourable outcome for the applicant. Nor does the ‘authority’ referred to in that provision necessarily have to be a judicial authority, but if it is not, its powers and the guarantees which it affords are relevant in determining whether the remedy before it is effective. Also, even if a single remedy does not by itself entirely satisfy the requirements of Article 13, the aggregate of remedies provided for under domestic law, may do so.”*

95. Ir-rimedji a disposizzjoni tal-individwu mill-Istat jistgħu ikunu speċifiċi jew ġenerali, fejn ir-rimedji ġenerali huma meqjusa bħala dawk li jinkludu l-proċedura Kostituzzjonali. Il-prinċipju ġenerali hi r-rimedju għandu jkun effettiv suffiċjenti u

aċċessibbli japplika ukoll fil-każ ta' tali rimedju ġenerali. (Ara **Surmeli vs Germany** deċiża fit-8 ta' Ġunju 2006 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

96. Mis-suespost, jidher evidentement, li mhuwiex minnu meta ir-rikorrent qed jilmenta li m' għandux rimedju effettiv.

97. Jidher ċar, mill-provi u l-atti, illi r-rikorrent kellu rimedju speċifiku, billi seta' jagħmel talba lill-Qorti tal-Familja sabiex tirrevoka u tvarja l-ordnijiet tagħha fid-digriet, liema talba huwa għamel limitatament, iżda mingħajr suċċess, meta talab li jappella mid-digriet u tali talba ma ġietx lilu akkollta.

98. Jidher ukoll illi r-rikorrent kellu wkoll ir-rimedju ġenerali, ossija li jipproċedi kif fil-fatt għamel permezz tal-każ odjern, sabiex jiġi mistħarreġ jekk effettivament kienx hemm ksur tad-drittijiet tiegħu jew le.

99. Għalhekk, ċertament, la darba huwa adopera r-rimedju ġenerali u ressaq l-ilment tiegħu quddiem din il-Qorti, għaldaqstant l-ilment tar-rikorrent a tenur ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea mhuwiex ġustifikat.

100. Konsegwentement, tiċħad il-ħames talba tar-rikorrent.

**<u>Tielet u Sitt Talba</u> - Ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali**

101. Tramite it-tielet u is-sitt talba, fejn jidher illi s-sitt talba hija ripetizzjoni, presumibbilment riprodotta erronjament, tat-tielet talba ir-rikorrent qed jikkontendi li hu u ibnu sofrew vjolazzjoni ta' dritt għal proċess ġust u smiegħ xieraq garantit mill-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, fis-sitt it-talba, ir-rikorrent qed jilmenta li hu u ibnu minuri sofrew vjolazzjoni ta' dritt għal rimedju effettiv garantit mill-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Qorti Ewropea.

102. L-**artikolu 47** tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipula:

> *"Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantita* ***<u>mill-liġi ta' l-Unjoni</u>*** *jiġu ivvjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kundizzjonijiet stabbilit f'dan l-Artikolu.*
>
> *Kull persuna għandha d-dritt għal smiegħ ġust u pubbliku fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu ikollha l-possibilta` li tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata.*
>
> *Għandha tingħata għajnuna legali lil dawk li ma ikollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv tal-ġustizzja."*

103. Jidher ċar li għandu ikun mifhum ukoll li ilment ta' ksur ta provvediment tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea, iċ-Charter jista' jiġi mistħarreġ biss mill-Qrati tagħna biss jekk il-ksur jirrigwarda liġi tal-Unjoni Ewropea.

104. Jidher ċar illi l-prinċipji enunċjati f'tali Karta tad-Drittijiet huma drittijiet illi l-Liġijiet nostrani ilhom iħaddnu u jipproteġu għal deċenni sħaħ qabel ma' tali Karta tad-Drittijiet qatt ġiet ikkunsidrata, aħseb u ara ippubblikata, u ċertament, fejn jidħlu l-liġijiet Maltin, tali drittijiet huma ġia protetti, kif ġie rilevat u osservat aktar 'il fuq.

105. Għalhekk, in vista tas-suespost, din il-Qorti tqis li r-rikorrent ma jistax jinvoka l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea għaliex dan l-artikolu japplika biss meta l-ilment jirrigwarda it-tħaddim ta' liġi tal-Unjoni, mentri fil-każ odjern, dak li qed jilmenta minnu huwa digriet mogħti mill-Qorti tal-Familja, u n-nuqqas ta' rikuża da parti tal-Imħallef sedenti fil-Qorti tal-Familja, li ċertament hija materja ferm differenti, u ma timplimentx liġi tal-Unjoni.

106. Għalhekk, in vista tas-suespost, l-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni huwa inapplikabbli għall-każ odjern.

**<u>Ir-Raba' Talba</u> - Ksur tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali**

107. Permezz tar-raba' talba, ir-rikorrent qed isostni li ibnu minuri Ethan, sofra leżjoni ta' l-artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi:

> 1. *It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura meħtieġa għall-ġid tagħhom. Huma jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament. Dawn l-opinjonijiet għandhom jitqiesu f'materji li jirrigwardawhom skond l-età u l-maturità tagħhom.*
>
> 2. *Fl-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi, jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun konsiderazzjoni primarja.*
>
> 3. *It-tfal kollha għandhom id-dritt li jkollhom regolarment relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri sakemm dan ma jkunx kontra l-interessi tat-tfal."*

108. Bl-istess mod, l-ilment ta' ksur ta' provvediment tal-Karta tad-Drittijiet tal-Unjoni Ewropea, jista' jiġi mistħarreġ biss mill-Qrati Tagħna jekk il-ksur jirrigwarda liġi tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, dan l-artikolu mhuwiex applikabbli għall-każ in diżamina.

109. Għalhekk, it-talba tar-rikorrent.

**<u>Is-Sebgħa Talba</u> - L-Artikolu 738 tal-Kap 12 jivvjola l-prinċipju "nemo judex in causa sua"**

110. Ir-rikorrent qed jibbaża l-ilment tiegħu ukoll fuq il-fatt li, kif inhi redatta l-artikolu 738 tal-Kap 12, inkiser il-prinċipju ta' '*nemo judex in causa propria*', dan għaliex ir-rikorrent qed jopponi dak stipulat fl-artikolu 738, ossija li l-eċċezzjoni ta' rikuża jiddeċidiha il-ġudikant innifsu.

111. Għandu jingħad li l-prinċipju ta' '*nemo judex in causa propriam*', huwa derivat mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u jfisser li ħadd ma jista' ikun qed jiġġudika l-akkuża li jagħmel huwa stess.

112. Referibbilment għal dan il-prinċipju, fil-kawża **Andrew Francis Joseph Grant noe vs Chev Erik Gollcher noe**, Appell Ċivili deċiż fis-26 ta' Ġunju 1953 ingħad:

> *The rules of Natural Justice denote certain principles which must be followed by all who discharge judicial functions. These are that a man must not be a judge in his own cause and that both parties must be heard. ………When no statutory right of appeal is given from these special or administrative tribunals, their decisions are liable to review by the Courts of Law, only on purely technical grounds, such as lack of jurisdiction or want of natural justice.*

113. Jiġi puntwalizzat, li allegazzjonijiet dwar nuqqasijiet ta' dan il-principju ta' Ġustizzja Naturali, iridu jiġu mistħarrġa fil-konkret u mhux fl-astratt. Fil-każ **Kraska vs Switzerland** deċiż fid-19 ta' April 1993, l-ECHR osservat:

> *The Court has already stressed on numerous occasions the importance of appearances n the administration of justice, but it has at the same time made clear that the standpoint of the persons concerned is not in itself decisive. The misgivings of the individuals before the courts, for instance with regard to the fairness of the proceedings, must in addition be capable of being held to be objectively justified (see, among other authorities Hauschildt vs Denmark judgement of 24 May 1989, Series A no. 154, p.21, para 48).*

114. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-każ **Dr. Simon Busuttil vs L-Avukat Ġenerali** (86/17 JZM) deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali fejn ġie ikkwotat il-każ **Regina vs Bow street, Metropolitan Stipendiary Magistrate, ex parte Pincohet Ugarte** deċiż mill-House of Lords fil-15 ta' Jannar 1999, magħruf bħala '***The Pinochet Case***'. F'dan il-każ, il-fehma ta' Lord Hope of Craigheard irrimarka hekk:

> *One of the cornerstones of our legal system is the impartiality of our tribunals by which justice is administered. In civil litigation the guiding principle is that no one may be a judge in his own cause; nemo debet esse judex in propria causa. It is a principle which is applied much more widely than a literal interpretation of the words might suggest. It is not confined to cases where the judge is a party to the proceedings. It is applied also to cases where he has a personal or pecuniary interest however small.*

115. Ladarba dan il-prinċipju ta' ġustizzja naturali huwa intrinsiku għall-imparzjalita`, kull allegazzjoni ta' '*bias*' sabiex tingħata tali deċiżjoni trid tiġi ippruvata fil-konkret, filwaqt li sempliċi allegazzjoni għandha tiġi skartata minn din il-Qorti.

116. F'dan ir-rigward, anke b'referenza għall-imparzjalita`, huwa sinjifikanti dak ċitat fil-ktieb **Protecting the right to a fair trial under the European Convention** (Council of Europe Human Rights Handbook: Strasbourg: 2012) l-awtur **Dovydas Vitkauskas**

jagħmel rassenja tal-principji li isawru dak li għandu ifisser '*an impartial tribunal*' b'ezempji ta' sitwazzjonijiet naxxenti minn gurisprudenza tal-ECHR:

> *"While the notion of the "independence" of the tribunal involves a structural examination of statutory yand institutional safeguards against interference in the judicial matters by other branches of power, "impartiality" entails enquiry into the court's independence vis-a-vis the parties of a particular case (piersack)……..Independent and impartial tribunal established by law may lead to a violation of the impartiality requirement, even if there are no reasons to doubt the impartiality of other (or a majority of other) judges (Sander vs United Kingdom 18-35). Impartiality is a lack of bias or prejudice towards the parties."*

117. Applikati dawn il-prinċipji u dan l-insenjament għall-każ in eżami, jiġi osservat li l-ilment prinċipali tar-rikorrent, kif ippernjat fuq il-prinċipju suċitat, *nemo judex in causa propria*, fejn ir-rikorrent allaċċja dan il-prinċipju ma dak stipulat fl-artikolu 738 tal-Kap 12, ma għandux mis-sewwa.

118. Bl-ebda mod, ma jista jingħad, li fil-każ tar-rikorrent, il-ġudikant li qed tippresjedi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) hija '*Judge in her own cause*'. Bl-ebda tiġbid ta' immaġinazzjoni, ma jista' jiġi interpretat dan. Għalhekk, l-attakk tar-rikorrent fuq l-artikolu 738 tal-Kap 12 huwa għal kollox bla bażi.

119. Tali kunċett ġie diskuss wkoll fil-kawża fl-ismijiet **Sharon Rose Roche vs Avukat Ġenerali et**, deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Mejju 2018, u ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu 2019:

> *Il-ġudikant li jiddeċiedi dwar ir-rikuża tiegħu stess huwa indipendenti hu imparzjali fid-deċiżjoni tiegħu.*
>
> *L-imparzjalità tal-ġudikant huwa valur fundamentali tal-etika ġudizzjarja. Ġudikant għandu l-obbligu li jisma' u jiddeċiedi każ fuq il-provi u s-sottomissjonijiet imressqa, u mhux fuq konsiderazzjonijiet mhux xieraqa (improper considerations), ħieles minn xi preġudizzju jew interess, dirett jew indirett, fl-eżitu tal-kawża, jew fil-partijiet jew l-avukati li qed jillitigaw quddiem dan l-obbligu huwa mnisseġ fil-ġuramenti ta' lealtà u ta' ħatra li jieħu kull ġudikant qabel ma jibda jaqdi dmirijietu.*
>
> *Il-ġudikant għandu jiddisponi minn talba għar-rikuża tiegħu b'mod ekwu u ġust u jekk ma jagħmilx hekk ikun qed jabbuża mid-diskrezzjoni tiegħu kif ċirkoskritta mil-liġi u jkun hemm konsegwenzi serji għal tali abbuż.*
>
> *F'każ li ma jilqax it-talba tar-rikuża, il-kawża titkompla munita bil-garanziji kollha stabbiliti fil-qafas legali tagħna, inkluż dawk Kostituzzjonali u konvenzjonali, għall-protezzjoni tal-jedd ta' smiegħ xieraq.*
>
> *Dawn il-garanziji jipproteġu lill-partijiet fil-kawża, f'każ li l-ġudikant eventwalment juri li huwa parzjali jew jagħti l-apparenza ta' parzjalità biex jiddeċiedi l-kwistjoni bejn il-partijiet.*

120. Huwa relevanti wkoll, dak li intqal dwar l-artikolu 738 tal-Kap 12, fil-każ **L-Imħallef Dr. Anton Depasquale vs Avukat Ġenerali**, deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2001, fejn ġie ribadit:

*L-istitut tar-rikuża fl-ordni ġuridiku Malti huwa mibni fuq il-premessa li l-Imħallef mhux preżunt la parzjali jew korrott.*

*Huwa dmir ta' ġudikant li jiddeċiedi kawża u mhux xi vantaġġ jew privileġġ, jekk ikun hemm vantaġġ jew privileġġ dan hu li jirrendi l-ġudikant parti fil-kawża. La huwa mhux ser jirbaħ u mhux ser jitlef, billi jkun jew ma jkunx jagħmel parti minn tribunal m'għandu ebda interess personali jekk ikomplix jisma' l-kawża jew jastjeni ruħu.*

*Għalhekk, imħallef li ingħata l-poter in ġenerali mil-liġi li jiddeċiedi huwa stess jekk għandux ikompli jisma' jew le kawża, mhijiex per se raġuni li tagħmlu parti fil-kawża. Huwa m'għandu ebda interess personali li jisma' l-kawża imma l-interess tiegħu huwa biss wieħed proċesswali li jara li ma jastjeni,x u ma jilqax eċċezzjoni tar-rikuża fejn ma tissussistix wahda mir-raġunijiet stabbiliti mil-liġi, altrimenti sempliċi eċċezzjoni ta' rikuża jintgħażlu minn parti jew mill-oħra l-imħallfin li għandhom jisimgħu kawża partikolari.*

*Meta tingħata l-eċċezzjoni ta' rikuża, skont il-liġi tagħna, l-Imħallef li jiddeċiedi din l-eċċezzjoni ma jsirx parti imma jibqa' l-uniku arbitru jekk għandhiex tintlaqa din l-eċċezzjoni jew le. Il-liġi tagħna minn żmien antik ħasbet biex ħolqot garanziji giex jissalvagwardjaw l-imparzjalità tal-ġudikanti u biex il-proċess ġudizzjarju jibqa' pur.*

*Għalhekk il-fatt li l-Imħallef jieħu sehem fid-deċiżjoni dwar eċċezzjoni ta' rikuża tiegħu ma jnaqqasx mill-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu.*

121. Il-Qorti tosserva li l-fatt li l-artikolu 738(1) tal-Kap 12 jipprovdi li l-ġudikant jiddeċiedi hu dwar deċiżjonijiet ta' rikuża, ma ifissirx li l-liġi tikser id-dritt għal rimedju effettiv. Dan għaliex kull individwu li jħossu aggravat minn deċiżjoni ta' ġudikant li tirrifjuta t-talba tiegħu għal rikuża, għandu dritt jirrikorri għal Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali sabiex jikseb rimedju, fejn jiġi indagat jekk kienx hemm ksur ta' drittijiet umani jew le.

122. Ċertament, bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat li kien hemm ksur tal-prinċipju '*nemo judex in causa propria*' fuq imsemmi, għaliex l-aktar kriterju bażilari sabiex tali il-prinċipju jiġi mqajjem b'suċċess huwa, li min jakkuża jrid ikun hu li qed imexxi l-proċeduri – fil-każ odjern, dana ma huwiex il-każ.

123. Għalhekk, l-attakk tar-rikorrent fuq l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi, ossija l-artikolu 738 tal-Kap 12, hija infondata u mhijiex ġustifikata. Konsegwentement, bl-ebda mod ma jista jingħad li kien hemm xi imparzjalita` jew nuqqas ta' smiegħ xieraq, minħabba d-disposizzjoni 738 tal-Kap 12 u għalhekk hija infondata l-allegazzjoni magħmula mir-rikorrent li dan l-artikolu jivvjola l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. L-Istess japplika wkoll għal dak illi jirrigwarda l-Artikolu 47 tal-Karta tad-

Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropeja, fejn f'dan il-każ, japplikaw l-ħsieb ġia espress minn dina l-Qorti aktar 'il fuq dwar l-applikabilita' ta' tali artikolu.

124. Għalhekk, il-Qorti tiċħad tali talba wkoll.

125. Finalment, il-Qorti tagħmel ukoll għall-aħħar talbiet tar-rikorrenti, liema talbiet kienu jippresupponu suċċess f'waħda jew aktar mit-talbiet fuq indikat, fin-nuqqas ta' liema suċċess, huwa naturali illi dawna jiġu miċħuda lkoll ukoll.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar rikorrent, u tal-Avukat tal-Istat;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-Avukat tal-Istat;

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-Avukat tal-Istat u ta' l-intimata Elizaveta Mizzi Lampetova.

**Tiċħhad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti għar-raġunijiet spjegati.

L-ispejjeż għandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur